# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Marzu, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 111/19 TA**

**Christopher Mazzitelli [K.I. 36081 (M)]**

**vs**

**[1] Avukat Ġenerali;**

**[2] Kummissarju tal-Pulizija**

**U b'digriet tal-25 ta' Ġunju 2020 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Christopher Mazzitelli (ir-rikorrent) ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

> "Ir-rikorrent tressaq imputat b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-22 t' April 2004 akkużat m'oħrajn talli, fil-jum tal-20 t' April 2004 u tul l-erba' xhur ta' qabel, kiser il-provedimenti mnissla f' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' li:

1. assoċja ruħu ma' persua/i oħra sabiex ibiegħ jew jittraffika l-mediċina u cioe' l-eroina, l-kokajna u l-kannabis;

2. forna jew ipprokura id-droga eroina u kokaina;

3. kien fil-pussess tad-droga eroina, kokajina u cannabis f'ċirkostanzi li juru li l-pussess ta' tali droga ma kienx għall-użu esklussiv tieghu;

4. biegħ jew traffika id-droga kannabis;

5. sar riċediv b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali deċiża 29 ta' Lulju 2002.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Jannar 2019, għaddiet sabiex iddeċidiet il-kawża fl-ismijiet "il-Pulizija vs. Mazzitelli Christopher" **(Dok 'CM1')** bin-numru 346/2016[1], fejn sabet lir-rikorrent ħati **<u>biss ta' pussess sempliċi</u>** tad-droga kannabis u tal-addebitu tar-reċidiva, fejn ġie kkundannat iħallas penali ta' mitt euro (EUR 100). Fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati rrikonoxxiet:

> "Illi minn imkien mill-provi ma rriżulta li l-imputat instab fil-pussess t'ammont ta' droga tali li seta' jindika li dan ma kienx għall-użu personali tiegħu. **Huwa sejjer għalhekk jinstab ħati ta' pussess sempliċi għaliex huwa stess ammetta li fiż-żmien in diżamina kien ipejjep xi joints tal-cannabis** iżda ma jistgħax jinstab ħati ta' pussess aggravat. Peress li ma ġiex pruvat li l-imputat kien fil-pussess ta' aktar minn 3.5 grammi tad-droga cannabis il-Qorti ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta[2]."

Il-proċeduri in konnessjoni mas-sentenza su ċitata, sfaw eżawriti fil-konfront tar-rikorrent wara circa' **<u>erbatax-il sena u għaxar xhur</u>** mill-jum tal-arrest ta' l-istanti rikorrenti[3].

## A. <u>Dwar id-Dritt ta'Smiegh Xieraq fi Zmien Ragjonevoli (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

### A.1 Dwar id-Dewmien qabel ma l-esponenti nghata l-helsien mill-arrest

Ir-rikorrent flimkien m'akkużati oħra ġie arrestat mil-Pulizija Eżekuttiva fl-20 t'April 2004[4]. Ir-rikorrent kien akkużat b'reati konnessi mal-abbuż tad-droga, bl-ammonti totali tad-droga li rraffiguraw fil-proċeduri kontra r-rikorrent u l-ko-akkużati l-oħra kienu dawk ta':

a. kannabis: 118.4<u>grammi</u>

---

[1] Ġia 325/2004, pero' nhar id-29 t' April 2006 il-proċeduri oriġinali b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2016 seħħet is-separazzjoni tal-ġudizzju u għalhekk in-numru tal-kumpilazzjoni tal-proċeduri nbidel.

[2] Ibid; *fol.* 24

[3] L-Avukat Ġenerali ma ntavola l-ebda appell.

[4] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 1; *fol.* 95

b. kokajina: 0.6grammi
c. herojina: 13.3grammi

Total ta' 132.2 grammi[5]

Fit-22 t'April 2004, r-rikorrent tressaq b'imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja. Dakinhar, ir-rikorrent talab ħelsien mill-arrest preventiv, fejn il-Qorti wara li semgħet t-trattazzjoni dwar tali talba, irriservat li tipprovdi d-deċiżjoni fi stadju uterjuri[6].

Fit-12 ta' Mejju, 2004, il_Qorti tal-Magistrati laqghetit-talba mressqa mir-rikorrenti ghal-liberta' provizorja bil-kundizzjoni li "ma johrogx mid-dar, hlief biex jattendi l-Qorti jew ghal xi raguni medika, pero' mhux qabel ma jkun avza lill-ufficjal Prosekutur"[7]

Il-liberta' provizorja nghatat taht depozitu tas-somma ta' hmistax -il elf Liri Maltin (Lm 15,000) oltre garanzija personali ta' hmistax-il elf Liri Maltin (Lm15,000)[8]

**B'daqstant ir-rikorrenti thalla taht arrest preventiv ghal ghoxrin (20) jum.**

### A.2 Dwar id-dewmien taht arrest domiciljari

Minħabba l-arrest domiċiljarju li ġie impost fuq ir-rikorrent, huwa ħtieġlu li jintavola rikors sabiex dan l-arrest jiġi mibdul f' ħinijiet akkordati sabiex dan seta' effettivament jmur għax-xogħol u ikun jista' jipprovdi għall-familja tiegħu, fosthom għaż-żewġ uliedu minorenni. Għal dan il-għan nhar it-2 ta' Settembru 2004 ir-rikorrent intavola ir-rikors relattiv[9].

Pero', Il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors suċċitat għar-raġuni li "ġie ippreżentat tardivament.[10]"Għalhekk r-rikorrent kellu għal darb' oħra jerġa jintavola l-istess rikors nhar l-14 t' Ottubru 2004[11].

Fis-seduta ta' wara u cioe' dik tad-19 t' Ottubru 2004, il-Qorti reġgħet irriservat milli tipprovdi d-deċiżjoni tagħha rigwardanti tali rikors[12].

Fit-22 t' Ottubru 2004, il-Qorti laqgħet għar-rikors, billi ordnat lir-rikorrent "joħroġ mid-dar nofs siegħa [fis-6:00 ta' filgħodu] qabel ma jibda x-xogħol u jirritorna d-dar siegħa wara [fit-8:00 ta' filgħaxija] illi jispiċċa mix-xogħol [u] jiffirma l-għassa ta' Ħal Qormi kuljum", filwaqt li l-kundizzjonijiet l-oħra mogħtija fid-digriet preliminari tal-libertà' proviżorja baqgħu viġenti[13].

---

[5] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 1, Relazzjoni tal-Espert Forensiku; *fol.* 121-124
[6] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 1; Relazzjoni tal-Perit Vinvent Galea; Dok VG1
[7] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 2; Digriet u Kundizjonijiet tal-Helsien mill_Arrest fol. 282
[8] Ibid
[9] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Rikors ta' Christopher Mazzitelli, *fol.* 312
[10] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 314
[11] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 333
[12] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 334
[13] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 335

**B'daqstant r-rikorrent tħalla taħt arrest domiċiljari għal mija u tlieta w sittin (163) jum.**

Sussegwentament fis-6 ta' Mejju 2004 ir-rikorrent ressaq rikors b'talba għall-ħelsien mill-arrest filwaqt li obbliga ruħu li jħares kwalunkwe kundizzjonijiet li l-Qorti kien jogħġobha timponi fil-konfront tiegħu[14].

B'danakollu l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu għal tali rikors eċepixxa li kien għad hemm il-biża t'intralċjar tal-provi *inter alia*, u allega wkoll in-nuqqas t'affidabilità tar-rikorrent[15].

Mill-atti proċesswali ma jidhirx li l-Qorti provdiet deċiżjoni għal dan ir-rikors l-aħħar imsemmi[16].

Għal darb' oħra r-rikorrent intavola rikors ieħor fl-17 ta' Mejju 2007 u cioe' wara 'l fuq min tlett snin mill-arrest tiegħu, fejn talab li l-ħinijiet tar-rinkasar jiġu estiżi imqar sal-10:00 ta' filgħaxija u dan anke sabiex seta' jgawdi s-sajf li kien ġej mat-tfal minuri tiegħu[17].

L-Avukat Ġenerali reġa' oppona għal din l-aħħar talba, fejn eċepixxa (u dan anke wara tlett snin ta' proċeduri) li "iċ-ċirkostanzi tar-rikorrent ma' nbidlux"[18].

Nhar it-22 ta' Mejju 2007 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent u estendiet il-ħin tar-rinkasar sal-10:30 ta' filgħaxija[19].

**B'daqstant r-rikorrent tħalla b' liberta' proviżorja tal-ħinijiet ta' bejn s-6:30 ta' filgħodu w it-8:00 ta' flgħaxija għal sentejn u sebgħa xhur sħaħ.**

In segwitu fil-5 ta' Jannar 2010, ir-rikorrent ressaq rikors ieħor fejn talab li l-kundizzjoni tar-rikażar tal-ħinijiet titneħħa kompletament jew alternattivament tiġi estiża b'mod ampju. Dan ir-rikors kien imsejjes fuq il-fatt li għal ċirca sitt snin sħaħ ir-rikorrent obda w segwa l-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja kollha li ġew imposti fuqu[20].

Fis-7 ta' Jannar l-Avukat Ġenerali oppona għal dan ir-rikors fejn eċepixxa sempliċiment li ċ-ċirkustanzi tar-rikorrent ma tbiddlux. Dan ir-ragunament tal-Avukat Ġenerali baqa' jingħad wara kważi sitt snin ta' proċeduri fil-konfront tar-rikorrent in diżamina[21].

Fis-7 ta' Jannar 2010, il-Qorti laqgħet għar-rikors su riferit billi ċaħditu għar-raġunijiet sottomessi mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu[22].

[14] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 4; *fol.* 201
[15] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 4; *fol.* 203
[16] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 4; *fol.* 213
[17] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol ; *fol.* 513
[18] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; *fol.* 515
[19] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; *fol.* 516
[20] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 820
[21] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 822
[22] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 823

Għal darb' oħra r-rikorrent reġa ttenta rikors identiku fit-12 ta' Jannar 2010, fejn saħaq l-istess talbiet għall-istess raġunijiet imtennija fir-rikors ta' qablu[23].

Għal darb' oħra l-Avukat Ġenerali laqa' billi wieġeb li "ċ-ċirkustanzi tar-rikorrenti ma nbidlux"[24].

Nhar l-14 ta' Jannar 2010, l-Qorti estendiet il-ħin tar-rinkażar sa nofs il-lejl (12:00am), filwaqt li l-kundizzjonijiet l-oħra baqgħu viġenti fil-konfront tar-rikorrent[25].

**Jingħad allura li għal tlett snin sħaħ ir-rikorrent tħalla taħt libertà proviżorja tal-ħinijiet ta' bejn is-6:30 ta' filgħodu u l-10:30 ta' filgħaxija, bil-kundizzjonijiet l-oħra kollha, li dawn baqgħu imposti fuqu 'tale quale' sa mis-sena 2004.**

Fil-25 ta' Ġunju 2010, ir-rikorrent ittenta għal darb' oħra rikors għat-tneħħija tal-kundizzjoni tal-rinkarżar tal-ħinijiet, jew alternattivament li l-obbligazzjoni tal-iffirmar fl-għassa tal-pulizija ma tibqax ristretta bil-kundizzjoni tal-ħinijiet.

L-Avukat Ġenerali laqa' billi oġġezzjoni għar-rikors tar-rikorrent senjatament għaliex skont hu ma kien hemm l'ebda raġuni impellanti li setgħet iġġustifikat it-tneħħija ta' tali kundizzjonijiet[26].

Il-Qorti nhar it-28 ta' Ġunju 2010 ċaħdet it-talba tar-rikorrent għar-raġunijiet imnissla mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu[27].

Fl-20 ta' Mejju 2011, ir-rikorrent ntavola rikors b'talba għall-estensjoni tal-ħinijiet tar-rinkażar tal-ħinijet sal-02:00 ta' filgħodu. Dan seħħ b'tentattiv sabiex tali ħinijiet ma' jibqgħux ixekklu avvenimenti familjari tar-rikorrent li f'dan iż-żmien huwa kien raġel ta' familja (w għaldaqstant kien jiffranka li kull darba jintavola rikors għal kull avveniment li kien se jkollu)[28].

L-Avukat Ġenerali oġġezzjona għat-talba u eċepixxa bħas-soltu li m'hemm l-ebda raġuni valida sabiex tali estensjoni tiġi milqugħa[29]. Fit-23 ta' Mejju 2011, il-Qorti ċaħdet ir-rikors tar-rikorrent[30].

Fit-8 ta' Ġunju 2012, r-rikorrent ittenta rikors ieħor b'talba sabiex il-ħin tar-rinkażar jiġi estiż imqar sas-2:00 ta' filgħodu. L-Avukat Ġenerali oppona għat-talba tar-rikorrent anke meta kien jaf li r-rikorrent kien ilu snin sħaħ bil-*bail contitions* imposti fuqu, liema kundizzjonijiet ir-rikorrent kien dejjem segwa. L-Qorti wara li rat l-oppożizzjoni tal-Avukat Ġenerali ċaħdet it-talba tar-rikorrent[31].

---

[23] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 824
[24] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 826
[25] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 862
[26] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1070
[27] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1077
[28] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1248-1249
[29] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1251
[30] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1252
[31] Digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar it-13 ta' Ġunju 2012

Fl-24 ta' Frar 2015, il-Qorti ċaħdet rikors tar-rikorrent relattiva mat-tneħħija tal-kundizzjoni tar-rinkażar[32].

Fil-11 ta' Marzu 2016, il-Qorti ordnat il-varjazzjoni tal-kundizzjoni tal-iffirmar (minn wieħed ta' kuljum) li ġie allokat għal darba f'ġimgħa (kull nhar ta' Ħamis)[33].

Fl-24 t'April 2015, r-rikorrent reġa' ntavola rikors ieħor b'talba għall-estensjoni tar-rinkarżar sas-2:00 ta' filgħodu, u peress li l-Avukat Ġenerali naqas milli jirrispondi fiż-żmien mogħti lilu, l-Qorti laqgħet it-talba u varjat il-ħinijiet sas-02:00 ta' filgħodu, bil-kondizzjonijiet l-oħra jibqgħu imposti fuq ir-rikorrent[34].

**<u>B'daqstant ir-rikorrent tħalla għall-kumplament tal-kawża (sakemm din ġiet determinata f' Jannar 2019) bil-kundizzjoni tar-rinkarżar ta' bej is-06:00 ta' filgħodu (06:00am) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00am).</u>**

*Di piu'* mill-2004 sal-2015 ossija għal ħdax-il sena sħaħ r-rikorrent kien obbligat jiffirma kuljum, filwaqt li l-obbligu tal-iffirmar ta' darba f'gimgħa f'għassa baqa' sakemm din il-kawża ġiet deciza fl-2019.

### A.3 Dwar Is-Sekwestru tal-Beni tar-Rikorrent

Wara Digriet mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati (fit-22 t'April 2004), permezz ta publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar l-1 ta' Ġunju 2004, il-beni tar-rikorrenti u cioe' flejjes, propjetà mobbli (inkluż propjeta' li kienet tinsab f'idejn terzi), li kienu dovuti lil/jew li messew/jew li kienu tar-rikorrent ġew sekwestrati. Filwaqt li r-rikorrent safa inibit milli jittrasferixxi/jiddisponi kull propjetà/beni/ġid li huwa kien propjetarju tagħhom[35].

**<u>Dan is-sekwestru baqa' viġenti tul l-andament tal-kawża, ergo għal erbatax-il sena u disa' xhur sħaħ.</u>**

### A.4 Dwar l-Iter tal-Proċeduri

### A.4.1 Dwar il-Process quddiem il-Qorti Struttorja

Fit-22 t' April 2004 (l-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni), inqrat l-akkuża bil-ġurament. Kumpilazzjoni ġiet differita għall-5 ta' Mejju 2004[36].

Fit-28 t'April 2004, il-Maġistrat Inkwerenti għalaq l-inkjesta, filwaqt li ordna li l-atti tal-inkjesta jintbagħatu lill-Avukat Ġensrali[37].

---

[32] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Frar 2015
[33] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-11 ta' Marzu 2015
[34] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-30 t'April 2015
[35] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 2; *fol.* 302
[36] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 1; *fol.* 10
[37] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 1; *fol.* 65, 88

Sussegwentament fis-Seduta tad-29 t' April 2004, xehdu bil-ġurament diversi pulizija involuti fl-inkjesta Maġisterjali u xhieda oħra, bil-kawża tiġi differita għas-7 ta' Mejju 2004[38].

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2004, il-prosekuzzjoni ddikjarat li m'għadx hemm xhieda pajżana x'jitressqu stante li ġie ddikjarat li x-xhieda li kien baqa' kienu biss l-esperti maħtura u xi pulizija oħra li kellhom involviment fl-investigazzjoni tal-kaz odjern[39].

Fil-fatt fis-deduta tat-12 ta' Mejju 2004, xehdu diversi pulizija bil-ġurament li kienu involuti fl-inkjesta relattiva.

Stante li fit-12 ta' Mejju 2004, l-Qorti Struttorja ddikjarat li wara li "ngħalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemha kontra l-[imputati]", ddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputati jitqegħdu taħt l-att tal-akkuża. B'daqstant ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħatu lill-Avukat Ġenerali[40].

Fil-15 ta' Ġunju 2004, l-Avukat Ġenerali ordna "sabiex jixhdu l-esperti kollha u biex l-Uffiċċjal Prosekutur jgħid fid-dettall (enfasi tal-Avukat Ġenerali) xi provi fadal." Għaldaqstant l-Atti intbagħatu lill-Qorti Struttorja[41].

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2004, l-Maġistrat Sedenti kienet tinsab indisposta, w għaldaqstant l-atti ntbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali[42].

Fit-3 t' Awwissu 2014, l-Avukat Ġenerali ordna lill-Qorti sabiex tisma' jixhdu l-esperti kollha mressqa mill-Uffiċjal Prosekutur, u biex l-istess Uffiċjal "jgħid fid-dettall (enfasi tal-Avukat Ġenerali) xi provi fadal min-naħa tal-prosekuzzjoni. Għalhekk l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti Struttorja[43].

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2004, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kienx f' pożizzjoni li jgħid xi provi kien fadallu[44] ghax effettivament ma kellux aktar provi x' jipproduċi f' dak l-istadju[45], bl-atti jerġgħu jintbagħatu lill-Avukat Ġenerali[46].

Minkejja dan kollu, fl-4 t'Ottubru 2004, l-Avukat Ġenerali jerġa jordna lill-Qorti sabiex tisma' jixhdu l-esperti kollha mressqa mill-Uffiċjal Prosekutur, u biex l-istess Uffiċjal "jgħid fid-dettall (enfasi tal-Avukat Ġenerali) xi provi fadal minn naħa tal-prosekuzzjoni, bl-atti jerġgħu jintbagħatu lill-Qorti[47].

[38] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 1; *fol.* 34-36
[39] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 4; *fol.* 213
[40] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.*287
[41] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 307
[42] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 308, 310
[43] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 311
[44] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 319
[45] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 324
[46] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 325
[47] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 326

Fid-dawl ta' dan ir-rinviju tal-Avukat Generali, fis-seduta tat-22 t'Ottubru 2004, l-Uffiċċjal Prosekutur iddikjara li kien għad jonqos xi xhieda x'jixhdu fil-konfront tal-akkużati fosthom l-ex PS 951, PC 365 u PC 706, w għaldaqstant l-atti ġew mibgħuta lura lill-Avukat Ġenerali[48].

Fid-19 ta' Novembru 2004, l-Avukat Ġenerali reġa ordna lill-Qorti tisma' ix-xiehda *inter alia*, ta' PS 951, PC 365 u PC 706, filwaqt li bagħat l-atti lil istess Qorti Struttorja[49].

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2004, l-Uffiċjal Prosekutur informa li l-espert Dr. Vincent Galea (liema espert ġie maħtur l-istadju bikri tal-kumpilazzjoni) kien għadu ma' lestiex ir-relazzjoni tiegħu, filwaqt li l-ex PS 951 ma kienx ġie notifikat sabiex jixhed, u għaldaqstant f'dik is-seduta ma seta' jsir xejn. Il-kawża ġiet differita għas-6 ta' Diċembru 2004[50].

Fl-31 ta' Diċembru 2004, l-Avukat Ġenerali jerġa jordna li jinstemgħu ix-xhieda ta' PS 951, PC 365 u PC 706, filwaqt li jerġa jibgħat l-atti lil l-istess Qorti[51].

Jirrizulta illi 'Il fuq min xahrejn wara li l-Avukat Generali talab ghall-imsemmija xhieda, tali xhieda kienu ghadhom ma xehdux. Di fatti tali xiehda xehdu nhar l-21 ta' Jannar 2005, filwaqt li Dr. Vincent Galea ġie msejjaħ tlett darbiet però ma deherx u b'daqstant il-prosekuzzjoni dikjarat li ma kellhiex aktar provi f'dak l-istadju. L-atti ntbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[52].

Fis-17 ta' Frar 2005, l-Avukat Ġenerali ordna għal darb' oħra sabiex jixhdu Dr. Vincent Galea u l-ex PS 951, u sabiex l-prosekuzzjoni tgħid "dettaljament" xi provi fadal, w għalhekk l-atti jerġgħu jiġu mibgħuta lill-Qorti presjedenti[53].

Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2005, Dr. Vincent Galea u PS 951 ġew mgħajjta tlett darbiet però ma dehrux. L-anqas ma ġiet prodotta riferta tagħhom[54].

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2005, jixhed PS 951 propju wara circa ħames xhur min mindu ntalab illi jaghmel dan mill-Avukat Ġenerali. Il-prosekuzzjoni infurmat wkoll li ma kienitx f' pożizzjoni li tiddikjara detteljatament xi provi fadlilha[55] L-atti ntbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali[56].

Fis-6 t' April 2005, l-Avukat Ġenerali reġa ordna għas-smiegħ tax-xhieda ta' Dr. Vincent Galea, kif wkoll sabiex l-prosekuzzjoni tgħid dettaljatament xi provi fadlilha. Fl-istess waqt l-atti ġew mibgħuta lura lill-Qorti[57].

---

[48] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 340,341, 349
[49] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 362
[50] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 350
[51] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 366
[52] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 367, 372, 373
[53] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2, *fol.* 374
[54] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2, *fol.* 383
[55] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2, *fol.* 384
[56] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 388
[57] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 389

Fit-22 t' April 2005, waqt is-seduta, l-prosekuzzjoni tinforma lill-Qorti li Dr. Vincent Galea kien għadu ma lestiex ir-relazzjoni tieghu, filwaqt li l-prosekuzjoni ddikjarat li m'għandiex xhieda f'dak l-istadju, w' għaldaqstant dak inhar reġa ma sar xejn. L-atti ġew imrodda lura lill-Avukat Ġenerali[58].

Fit-18 ta' Mejju 2005, l-Avukat Ġenerali reġa' ordna li jinstema Dr. Vincent Galea, u sabiex il-prosekuzzjoni tgħid x' fadlilha provi. L-atti mibgħuta l-Qorti Struttorja[59].

Meta issejħet il-kawża fit-3 ta' Ġunju 2005, l-imputati ma' dehrux (għajr għal wieħed) filwaqt li ma ġietx prodotta r-riferta tagħhom. Ghaldaqstant il-Qorti bagħtet lura l-atti lill-Avukat Ġenerali[60].

Fl-4 ta' Lulju 2005, l-Avukat Ġenerali jerġa jordna sabiex tinstema x-xhieda ta' Dr. Vincent Galea[61] w sabiex l-prosekuzzjoni tgħid dettaljatament xi provi fadlilha, filwaqt li l-atti ġew mgħoddija lill-Qorti[62].

Fil-15 ta' Lulju 2005 l-Maġistrat Sedenti kienet tinsab indisposta w għaldaqstant l-atti ġew mgħoddija lura lill-Avukat Ġenerali[63].
Fl-10 t'Awwissu 2005, l-Avukat Generali talab ghal darb'ohra sabiex tinstemgha x-xhieda tal-espert Vincent Galea[64].

Fid-19 t'Awwissu 2005, il-Maġistrat Sedenti reġgħet kienet indisposta, w għalhekk l-atti ġew imrodda lura lill-Avukat Ġenerali[65].

Fl-14 ta' Settembru 2005, reġgħet ġiet mressqa l-istess ordni tal-Avukat Ġenerali li saret fl-4 ta' Lulju 2005 u fl-10 t'Awwissu rispettivament. L-atti jerġgħu jmorru lura il-Qorti[66].

Fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2005 l-Uffiċjal Prosekutur kien jinsab imsiefer (preċedentament w għal din ir-raġuni huwa kien talab differiment[67]), w'għaldaqstant ma deher ħadd. L-atti mogħtija lura lill-Avukat Ġenerali[68].

Fit-2 ta' Novembru 2005, ġiet mogħtija l-istess ordni mill-Avukat Ġenerali li saret fl-4 ta' Lulju 2005, fl-10 t'Awwissu u fl-14 ta' Settembru rispettivament u l-atti reġgħu ntbagħtu lura il-Qorti[69].

---

[58] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol* 390, 391, 392
[59] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol* 393
[60] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol* 400, 401, 402
[61] Dr. Vincent Galea ġie maħtur bħala espert sabiex jipprepara kumpilazzjoni tal-assi li għalihom r-rikorrent kien propjetarju.
[62] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 403
[63] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 404, 406
[64] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 407
[65] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 408, 409
[66] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 410
[67] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 412
[68] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 411, 413
[69] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol.* 410

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2005, Dr. Vincent Galea informa lill-Qorti li huwa ma kien ġie notifikat bis-seduta, w għaldaqstant ma setgħax jixhed dak inhar. F'dan il-waqt il-prosekuzzjoni ddikjarat wkoll li l-istess Dr. Galea kellu jkun l-aħħar xhud tagħha. L-atti mrodda lura lill-Avukat Ġenerali[70].

Fil-5 ta' Diċembru 2005, ġiet ordnata l-istess talba mill-Avukat Ġenerali li saret fl-4 ta' Lulju 2005, fl-10 t'Awwissu, fl-14 ta' Settembru u fit-2 ta' Novembru rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura il-Qorti[71].

Fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2005 l-prosekuzzjoni tinforma lill-Qorti li ma laħqitx ħarrket lill-imputati "u dana peress illi mis-citations Office ma laħqux bagħatu r-rinviji fil-ħin" w għalhekk l-Qorti bagħtet lura l-atti[72].

Fil-11 ta' Jannar 2006, ġiet mogħtija l-istess ordni tal-Avukat Ġenerali li saret fl-4 ta' Lulju 2005, fl-10 t'Awwissu 2005, fl-14 ta' Settembru 2005, fit-2 ta' Novembru 2005 u fil-5 ta' Diċembru 2005, rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura il-Qorti[73].

Kien biss wara sena illi kien ilu jigi mitlub mill-Avukat Generali, ossia fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2006 illi xehed bil-ġurament Dr. Vincent Galea Permezz ta' din l-ahhar xhieda, <u>**il-prosekuzzjoni ddikjarat li "għalqet il-provi tagħha"**</u> filwaqt li l-atti ġew mgħoddija lura lill-Avukat Ġenerali[74].

Madanakollu fit-3 ta' Marzu 2006, l-Avukat Ġenerali jerġa jordna li tinstema ix-xhieda ta' Dr. Vincent Galea, bl-atti jerġgħu jiġu mgħoddija lill-Qorti[75].

Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2006, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni ta' l-Avukat Ġenerali għall-fatt li Dr. Galea kien diġà xehed fis-seduta ta' qabel<u>**. Il-prosekuzzjoni "terġa" (enfasi fil-verbal) tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq**</u>, bil-Qorti tibgħat l-atti lura lill-Avukat Ġenerali[76].

Fil-11 t' April 2006, l-Avukat Ġenerali ordna "sabiex l-uffiċċjal prosekutur jgħid għandux x'jżid max-xhieda tiegħu u "<u>definittivament fadallux</u>" (enfasi tal-Avukat Ġenerali) aktar provi biex isir l-att tal-akkuża", bl-atti jiġu mibgħuta lill-Qorti[77].

Fit-28 t' April 2006, il-kawża ġiet differita għal jum ieħor[78].

Fis-26 ta' Mejju 2006, l-Avukat Ġenerali ta lill-Qorti l-istess ordni li ġiet mogħtija preċedentament permezz tan-nota tar-rinviju tiegħu tal-11 t'April 2006[79].

---

[70] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol*. 415, 416
[71] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol*. 420
[72] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol*. 421, 422
[73] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol*. 423
[74] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 2; *fol*. 424, 425
[75] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol*. 429
[76] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol*. 430, 431
[77] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol*. 436
[78] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol*. 437
[79] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol*. 443

Fis-16 ta' Ġunju 2006, r-rikorrent ma kienx gie notifikat ghaldaqstant ma deherx ghas-seduta. B'daqstant l-kawża ġiet differita, bl-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[80].

Fit-12 ta' Lulju 2006, l-Avukat Ġenerali ta lill-Qorti l-istess ordni li ġiet mogħtija preċedentament permezz tan-nota tar-rinviju tal-11 t'April 2006 u dik tas-26 ta' Mejju 2006, rispettivament[81].

Is-seduta tal-21 ta' Lulju 2006, sfat differita minħabba li l-Maġistrat Sedenti kienet tinsab indiposta, w'għalhekk l-atti ntbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali[82].

Meta issejħet il-kawża tal-31 t'Awwissu 2006, ma deher ħadd, w għaldaqstant l-kawża ġiet differtita, bl-atti jintbagħatu għand l-Avukat Ġenerali[83].

Fis-27 ta' Settembru 2006, l-Avukat Ġenerali ordna lill-Qorti l-istess ordni li ġiet mogħtija preċedentament permezz tan-nota tar-rinviju tal-11 t'April 2006, tas-26 ta' Mejju 2006, u dik tat-12 ta' Lulju, rispettivament[84].

Fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2006, ma seħħ xejn, peress li l-prosekuzzjoni ma dehritx, u konsegwentament il-kawza kellha tigi differita bl-atti jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali[85].

B'referenza għas-seduta preċedenti l-Uffiċjal Prosekutur bagħat jiskuża ruħu għall-assenza tieghu udana stante li skond l-istess Ufficjal Prosekutur huwa ma kienx ġie notifikat bis-seduta[86].

Fis-29 ta' Novembru 2006, l-Avukat Ġenerali ta lill-Qorti l-istess ordni mogħtija permezz tan-nota tar-rinviju tal-11 t'April 2006, tas-26 ta' Mejju 2006, tat-12 ta' Lulju, u dik tas-27 ta' Settembru 2006, rispettivament, senjatament sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara "definittivament" (enfasi tal-Avukat Ġenerali) fadalx provi[87].

Ghal darba ohra, is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2006, kelhha tigi differita għar-raġuni li l-uffiċjal prosekutur kien jinsab impenjat b'xogħol ieħor, bl-atti jerġgħu jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali[88].

Fid-9 ta' Jannar 2007, l-Avukat Ġenerali ta lill-Qorti l-istess ordni kif preċedentament mogħtija permezz tan-nota tar-rinviju tal-11 t'April 2006, tas-26 ta' Mejju 2006, tat-12 ta' Lulju, tas-27 ta' Settembru 2006, tad-29 ta' Novembru 2006, rispettivament, bl-atti jintbgħatu lura lill-Qorti [89].

---

80 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 444, 445
81 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 446
82 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 451, 452
83 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 454, 455
84 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 446
85 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 461, 462
86 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 472
87 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 463
88 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 465, 466
89 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 473

Ghal darb ohra fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2007, **il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'għadx fadlilha aktar provi x'tipproduċi**, bl-atti rinvijati lill-Avukat Ġenerali[90].

Fis-16 ta' Frar 2007, l-ordni tal-Avukat Ġenerali, minkejja illi kien hemm gia dikjarazzjoni f'dan is-sens ghal darba, tnejn u tlieta, talab lill-Prosekuzzjoni sabiex tinforma lill-Qorti jekk kienx ghad "fadalx provi aktar biex sar-rinviju li jmiss isir l-att tal-akkuża", bl-atti jiġu mibgħuta lill-Qorti[91].

Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2007, l-uffiċjal prosekutur qal li kien jonqsu bħala xhud lit-tabib li eżamina lil WPC 45 Marisa Bartolo, bl-atti rinvijati lura lill-Avukat Ġenerali[92].

Fit-3 t'April 2007, l-Avukat Ġenerali ordna li tinstema bħala xhud WPC 45 Marisa Bartolo, w sabiex il-prosekuzzjoni tgħid "definittivament" (enfasi tal-Avukat Ġenerali) xi provi jonqosha. Bl-atti jintbagħatu lill-Qorti[93].

Is-seduta tat-13 t'April 2007 giet differita għar-raġuni li l-prosekutur kien jinsab maqbud f'inkjesta, bil-Qorti tibgħat lura l-atti lill-Avukat Ġenerali[94].

Fl-14 ta' Mejju 2007, l-Avukat Ġenerali jerġa jordna li tinstema ix-xhieda ta' WPC 45, liema xhieda kienet diġà instemgħet fl-istadju bikri tal-kumpilazzjoni, u xhieda tat-tabib li kellu jixhed fuq il-feriti tal istess WPS 45, filwaqt li talab lilll-Prosekuzzjoni tgħid "definittivament" (enfasi tal-Avukat Ġenerali) xi provi kien jonqos, bl-atti jerġgħu jintbagħatu lura lill-Qorti[95].

Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2007, l-prosekutur informa lill-Qorti li d-Dipartiment tal-Emerġenza tal-isptar ma kienitx għaddielu informazzjoni rigward it-tabib li kien eżamina lil WPC 45, filwaqt li huwa kien naqas li jħarrek lil l-istess WPC45 sabiex tixhed f'dik is-seduta. In segwitu l-uficjal Prosekutur iddikjara li l-imsemmija xhieda (ossia t-tabib u WPC 45) kienu l-unika xhieda li kien għad jonqos jixhdu fil-kumpilazzjoni[96]. L-atti reġgħu ġew mgħoddija lill-Avukat Ġenerali[97].

Fil-21 ta' Ġunju 2007, ġiet mressqa l-istess ordni tal-Avukat Ġenerali li saret fl-14 ta' Mejju 2007, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura il-Qorti[98].

Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2007, ġiet prodotta referta pożittiva ta' WPC45 Marisa Bartolo, b'dana kollu din ix-xhud għalkemm imsejħa baqgħet ma dehritx. L-prosekuzzjoni ddikjarat li kienet sprovvist mir-riferta rigwardanti it-

[90] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 479
[91] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 481
[92] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 482, 484
[93] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 500
[94] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 501, 502
[95] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 510
[96] Ir-rikorrent in diżamina ma kienx involut fil-mertu tal-feriti ta' SM 45 Maria Bartolo. Rigward dawn il-feriti kienet involuta biss il-ko-imputata Giovanna Pace.
[97] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 511
[98] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 2; *fol.* 430, 534

tabib li kellu jixhed rigward l-feriti ta' WPS Bartolo[99]. Ghaldaqsant lanqas f'din is-sduta ma nsetmghu xhieda.

Għalhekk fis-27 ta' Lulju 2007, reġgħet ġiet mogħtija l-istess ordni mill-Avukat Ġenerali li kienet diġa ngħatat fl-14 ta' Mejju 2007 u fl-21 ta' Ġunju 2007, rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[100].

Fil-21 ta' Awwissu 2007, l-prosekuzzjoni talbet differiment minħabba li l-Uffiċjal Prosekutur kien jinsab impenjat fil-gżira t'Għawdex, bil-kawza tigi differita. B'daqstant l-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[101].

Fis-17 ta' Settembru 2007, l-Avukat Ġenerali jgħati l-istess ordni li saret fl-14 ta' Mejju 2007, fl-21 ta' Ġunju 2007 u fl-27 ta' Lulju 2007 rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[102].

Meta issejħet il-kawża fit-12 t'Ottubru 2007, l-Uffiċjal Prosekutur stqarr li l-SM [WPS 45] Marisa Bartolo u rappreżentant mill-isptar reġgħu ma tħarrkux għas-seduta ta' dak inhar. L-atti jerġgħu jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali[103].

Meta issejħet is-seduta tas-16 ta' Novembru 2007, l-prosekuzzjoni raġa kien sprovist mir-riferta ta' WPS Maria Bartolo, filwaqt li ddikjara li l-Direttur tal-Emerġenza tal-isptar "ma setgħax jattendi l-Qorti minħabba t-trasferiment tal-pazjenti li qed isir mill-isptar San Luqa għall-isptar Mater Dei." Filwaqt li l-uffiċjal iddikjara wkoll li dawn ix-xhieda (WPS 45 u it-tabib) kienu l-unika xhieda li kien għad jonqos fil-kumpilazzjoni tar-rikorrent[104].

Fit-12 ta' Novembru 2007, terġa tiġi mogħtija l-istess ordni mill-Avukat Ġenerali u cioe riġwardanti il-produzzjoni tax-xhieda ta WPS Bartolo u t-tabib, liema talba kienet diġà saret fl-14 ta' Mejju 2007, fl-21 ta' Ġunju 2007, fl-27 ta' Lulju 2007 u fis-17 ta' Settembru 2007 rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[105].

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2007 raġa ma sar xejn għas-sempliċi raġuni li l-Uffiċjal Prosekutur ta' din il-kumpilazzjoni inbidel, filwaqt li l-Qorti ordnat lis-Supretendent sabiex jinfurmaha rigward min kien se jkun li imexxi il-każ. Għal darb' oħra l-Qorti tidefirixxi l-kawża w tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali[106].

Fit-3 ta' Diċembru 2007 u cioe' wara l-ordni mill-Avukat Ġenerali ta' nhar it-12 ta' Novembru 2007, l-atti reġgħu ġew mibgħuta lura lill-Avukat Ġenerali, mingħajr indikazzjoni ta' raġuni[107].

---

[99] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 531, 533
[100] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 546
[101] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 547, 551
[102] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 552
[103] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 553, 554
[104] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 558
[105] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 564
[106] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 536
[107] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 565

Fl-24 ta' Diċembru 2007, reġgħet ġiet mogħtija mill-Avukat Ġenerali l-istess ordni li kient ilha tingħata ħames darbiet, ossija fl-14 ta' Mejju 2007, fl-21 ta' Ġunju 2007, fl-27 ta' Lulju 2007, fis-17 ta' Settembru 2007 u fit-12 ta' Novembru 2007 rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[108].

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2008, l-Uffiċjal Prosekutur il-ġdid ħtieġlu jieħu konjizzjoni tal-proċess tal-kumpilazzjoni, w għaldaqstant l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali, w l-kawża ġiet għalhekk differita[109].

Fl-12 ta' Frar 2008, reġgħet ġiet mgħotija l-istess ordni mill-Avukat Ġenerali sabiex jixhdu WPS Bartolo u it-tabib liema ordni kienet ġiet mgħotija, fl-14 ta' Mejju 2007, fl-21 ta' Ġunju 2007, fl-27 ta' Lulju 2007, fis-17 ta' Settembru 2007, fit-12 ta' Novembru 2007 u fl-24 ta' Diċembru 2007 rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[110].

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2008, l-Ispettur il-ġdid Victor Aquilina (li ġie maħtur bħala prosekutur f'din il-kumpilazzjoni) talab differiment tas-seduta għar-raġuni li huwa kien jinsab impenjat quddiem Qorti ohra, bl-atti jerġgħu jintbagħatu għand l-Avukat Ġenerali[111].

Fis-26 ta' Marzu 2008, reġgħet ġie ordnat l-istess mill-Avukat Ġenerali w senjatament sabiex jixhdu WPS Bartolo u t-tabib liema ordni kienet l-istess wahda li kienet ilha tinghata sa minn  Mejju tal-2007, ossia ghal madwar ghaxar xhur, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[112].

Fis-seduta tal-4 t'April 2008, l-uffiċjal prosekutur informa li SM 45 Marisa Bartolo kienet tinsab indisposta, w għaldaqstant reġa' ma seħħ xejn f'dik is-seduta, bil-kawża terġa tiġi differita u bl-atti jerġgħu jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[113].

Fis-7 ta' Mejju 2008, reġgħet ġiet mgħotija l-ordni tal-Avukat Ġenerali sabiex jixhdu WPS Bartolo u it-tabib liema ordni kienet diġa ngħatat, fl-14 ta' Mejju 2007, fl-21 ta' Ġunju 2007, fl-27 ta' Lulju 2007, fis-17 ta' Settembru 2007, fit-12 ta' Novembru 2007, fl-24 ta' Diċembru 2007, fit-12 ta' Frar 2008 u fl-26 ta'Marzu 2008 rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[114].

**Fis-16 ta' Mejju 2008, xehdet bil-ġurament WPS 45 Marisa Bartolo, u dan senjatament wara li kienet ilha sena shiha tintalab mill-Avukat Generali.**[115]**.** Ghalkemm tali xhieda bl-edba mod u manjiera ma kienet tikkoncerna lill-esponenti, madanakollu stante li l-esponenti kien qed jghaddi l-proceduri kriminali flimkien mal-ko-imputati Pace, huwa ma kellu l-ebda

108 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 566
109 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 574, 567, 568
110 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 575
111 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 567, 577
112 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 575
113 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 594, 595
114 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 600
115 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 601

alternattiva ghajr li jistenna sena sakemm il-process fil-konfront tieghu ikun jista' jitkompla.[116]. L-atti reġgħu ġew ikkonsenjati lill-Avukat Ġenerali[117].

Nhar l-24 ta' Ġunju 2008, l-Avukat Ġenerali ordna lill-Qorti sabiex tisma ix-xhieda tat-tobba Dr. J. Spiteri u Dr. R. Farrugia, filwaqt li l-prosekuzzjoni kellha wkoll tgħid xi provi għad jonqosha tipproduċi u l-atti ġew mibgħuta lura il-Qorti[118].

Fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2008, l-Uffiċjal Prosekutur talab differiment minħabba li kien jinsab impenjat, w' għaldaqstant reġa ma seħħ xejn w l-kawża ġiet differita, bl-atti jintbagħatu lura għand l-Avukat Ġenerali[119].

Fid-19 t'Awwissu 2008, terġa tiġi mogħtija l-istess ordni tal-Avukat Ġenerali li saret fit-24 ta' Ġunju 2008, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[120].

Fis-seduta tat-28 t'Awwissu 2008, jixhed Dr. J. Spiteri, madanakollu l-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kienx irnexxielha tintraċċa lil Dr. R. Farrugia w konsegwatament l-atti reġgħu gew rinvijati lura lill-Avukat Ġenerali[121].

Fl-1 t' Ottubru, l-Avukat Ġenerali jerġa, għal darb' oħra jordna, lill-Qorti sabiex tisma ix-xhieda ta' Dr. R. Farrugia[122].

Fis-seduta tad-9 t' Ottubru 2008, l-prosekuzzjoni rrelevat li "għamlet kuntatt mal-ispettur Josric Mifsud li inizjalment kien l-Uffiċjal Prosekutur ... fejn ġiet infurmata li l-unika xhud li għad baqa' ... kien it-tabib li kien eżamina lil WPS 45 Bartolo." Aktar minn hekk ġiet murija riferta pożittiva tas-Supretendent tal-isptar li għalkemm ġie msejjaħ huwa ma deherx. Għaldaqstant reġa' ma sar xejn u s-seduta ġiet differita, bl-atti jintbagħatu lill-Avukat Ġenerali[123].

Fis-6 ta' Novembru 2008, l-Avukat Ġenerali jerġa jordna sabiex jinstema Dr. R. Farrugia, liema ordni kienet diġà ngħatat fit-24 ta' Ġunju 2008 u fid-19 t'Awwissu 2008, rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[124].

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2008, ġiet preżentata riferta pożittiva tas-Supretendent tal-isptar, b'dana kollu l-istess ma deherx minkejja li ġie mgħajjat diversi drabi. L-Qorti ordnat l-ħruġ ta' mandat t' akkompanjament għas-seduta li kien se jmiss. Dakinhar reġa xehed l-ispettur Josric Mifsud fejn ikkonferma bil-ġurament li t-tabib li kien invista lil SM Bartolo kien l-unika xhud li kien

[116] SM Maria Bartolo kienet xhedet fit-12 ta' Mejju 2004; Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; *fol.* 328 *et seq.*
[117] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 606
[118] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 617
[119] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 618, 619
[120] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 620
[121] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 621, 632
[122] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 633
[123] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 634, 636, 637
[124] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5; *fol.* 638

jonqos fil-kumpilazzjoni tar-rikorrent[125]. L-kawża ġiet differita bl-atti jibgħatu għand l-Avukat Ġenerali[126].

B'talba tal-Avukat Ġenerali ta' nhar it-22 ta' Diċembru 2008, l-Avukat Ġenerali reġa ordna li tinstema ix-xhieda ta' Dr. R. Farrugia, hekk kif effettivament kien gia' ordna preċedentement fit-24 ta' Ġunju 2008, fid-19 t'Awwissu 2008, fl-1 t' Ottubru 2008 u fis-6 ta' Novembru rispettivament, filwaqt li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-Qorti[127].

Fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2009, l-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li kienet imbidlet il-persuna li kienet tokkupa il-kariga ta' Supretendent tal-isptar, pero' s-Supretendent l-ġdida ma setgħetx tattendi għall-fatt li kienet tinsab impenjata. Għalhekk, minkejja li ma sar xejn, l-kawża ġiet differita bl-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[128].

Fl-4 ta' Frar 2009, l-Avukat Ġenerali ordna li tinstema x-xhieda tas-Supretendent tal-isptar, filwaqt li l-prosekuzzjoni kellha tgħid fid-dettall xi provi kien jonqos minn naħa tagħha[129].

Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009, l-Qorti semgħet ix-xhieda (rigwardanti il-feriti ta' SM 45 Maria Bartolo), liema xhieda ma kienet tikkoncern abl-ebda mod u manjiera mal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-esponenti. B'daqstant l-atti reġgħu ġew imrodda lill-Avukat Ġenerali[130].

Sussegwentament nhar il-11 ta' Marzu 2009, l-Avukat Ġenerali ordna li jiġi nġunt rappreżentant tad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex jiġi esibit il-file tas-Surġent Bartolo li kien jinsab fi store il-Marsa, filwaqt li l-prosekuzzjoni kellha tgħid xi provi fadlilha. l-atti reġgħu ġew mgħoddija lill-Qorti[131].

Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2009, il-prosekuzzjoni talbet differiment minħabba li s-Supretendent tal-isptar ma deherx, dan minkejja li ġiet prodotta riferta pożittiva, b'daqstant l-Qorti bagħtet l-atti lura lill-Avukat Ġenerali[132].

Fis-seduta tat-30 t'April 2009, "ġiet preżentata riferta pożittiva tas-Segretarja tas-Supretendent" tal-isptar però ma dehritx minkejja li ġiet imsejħa diversi drabi, b'daqstant il-kawża ġiet differita[133].

Fit-22 ta' April 2009, l-Avukat Ġenerali jerġa' jordna l-inġunzjoni tas-Supretendent tal-isptar, hekk kif kien ordna fil-11 ta' Marzu 2009, bl-atti jintbagħtu lura il-Qorti[134].

---

[125] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.*640, 645
[126] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 639, 642, 643
[127] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 644
[128] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 645, 646
[129] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 654
[130] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 655, 657, 659
[131] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 660
[132] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 661, 667
[133] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 680, 682
[134] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 686

Fis-seduta imsejħa fl-14 ta' Mejju 2009, ġew esebiti dokumenti relatati mal-feriti ta' Marisa Bartolo, filwaqt li **l-prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq,** bl-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[135].

Nhar il-11 ta' Ġunju 2009, l-Avukat Ġenerali ordna għan-nominazzjoni t'espert mediku sabiex jikklassifika l-feriti tas-Surġent Marisa Bartolo skond l-esibita ppreżentata fl-aħħar seduta, w sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara "fid-dettall" xi provi jonqosha, b'atti jerġgħu jintbagħtu l-Qorti[136].

Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2009, l-Qorti ħatret l-espert Dr. Mario Scerri sabiex jikklassifika tali feriti, filwaqt li ddiferiet l-kawża w bagħtet l-atti lill-Avukat Ġenerali[137].

Għalhekk l-Avukat Ġenerali nhar il-21 ta' Lulju 2009, ordna li jixhed Dr. Mario Scerri, filwaqt li seħħ it-trasmissjoni tal-atti lill-Qorti[138].

Fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2009, xehed Dr. Mario Scerri fejn ikkonferma li l-feriti ma kienux ta' natura gravi, filwaqt li **l-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li m' għandiex aktar provi xi tressaq**[139].

Fl-24 ta' Awwissu 2009 l-Avukat Ġenerali ordna li "in vista tar-rapport ta' Dr. Mario Scerri l-Uffiċjal Prosekutur jgħid għandux xi jżid aktar provi tiegħu u definittivament (enfasi tal-Avukat Ġenerali) fadallux aktar provi", filwaqt li l-atti ntbagħtu lura lill-Qorti[140].

Fis-seduta tal-25 t'Awwissu 2009, **l-prosekuzzjoni ddikjarat li wara l-provi miġbura mill-ispettur Josric Mifsud hija ma kienx fadlilha aktar provi xi tressaq rigward il-każ**, w għaldaqstant reġa ma seħħ xejn f' dik is-seduta, filwaqt li l-atti ġew mgħoddija lill-Avukat Ġenerali[141].

B'danakollu, minkejja d-dikjarazzjoni ripetuta mill-prosekuzzjoni, li ma kellhiex aktar provi x' iġġib, fin-nota tar-rinviju tagħha ta' nhar l-24 ta' Settembru 2009, l-Avukat Ġenerali ordna li jinstemgħu aktar xhieda fosthom l-ispettur Josric Mifsud u dan senjatament sabiex "jiddikjara l-importanza ta' persuni pajżana, fost iż-żieda ta' xhieda t'esperti li ġew maħtura fil-bidu tal-kumpilazzjoni, bl-atti jintbgħatu għand l-Qorti Struttorja[142].

Fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2009, xehed l-Ispettur Josric Mifsud fejn sempliċiment indika lill-Qorti li diversi persuni pajżana "m'humiex aktar t'importanza tal-investigazzjoni[143]" pulizija oħra xehdu biss in riferenza tat-twissija tal-istqarrijiet preliminari tal-imputati fosthom tar-rikorrent in diżamina, liema stqarrijiet ġew rilaxxati lura fl-2004. Spettur ieħor f'din s-seduta

[135] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 678, 692
[136] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 693
[137] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 694, 695
[138] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 696
[139] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 697-700
[140] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 740
[141] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 741,743
[142] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 753
[143] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 755

ppreżenta ċ-ċertifikat mill-att tat-twelid tal-istanti rikorrent (liema ċertifikat ma kienx ġie preżentat mal-atti tat-twelid tal-ko-imputati fl-istadju bikri tal-kumpilazzjoni)[144]. L-atti tal-kawża għalhekk reġgħu ġew mgħoddija lill-Avukat Ġenerali[145].

Fid-9 ta' Novembru 2009, fin-nota tar-rinviju tiegħu l-Avukat Ġenerali reġa ordna s-smiegħ tal-esperti maħtura fl-istadju bikri tal-proċeduri fosthom il-perit arkitett Richard Aquilina, bl-atti jerġgħu jiġu mgħoddija lura lill-Qorti[146].

Il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Diċembru 2009, jindika li "peress li l-proċess ma ġiex mill-Avukat Ġenerali għas-seduta tal-llum il-kawża ma setgħetx issir", u għalhekk il-kawża spiċċat differita[147].

Fit-18 ta' Diċembru 2009, l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu reġa ordna s-smiegħ tal-perit arkitett Richard Aquilina, bl-atti jiġu kkonsenjati lill-Qorti[148].

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2010, il-perit arkitett instab impenjat b'inkjesta urġenti w għalhekk il-kawża ma setgħetx issir u sfat differita[149].

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2010, il-perit arkitett Richard Aquilina, liema perit kien maħtur lura f' April tal-2004 sabiex jixhed rigward każ ieħor li kien relatat ma' wieħed mill-ko-imputati, xehed bil-ġurament. Dak inhar **l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi aktar xi tressaq**[150].

B'rikors tas-17 ta' Frar 2010, l-Avukat Ġenerali talab lill-Onorabbli Qorti Kriminali proroga sabiex takkordalu estensjoni taż-żmien minħabba li kien "jinħtieġ żmien ieħor biex huwa jiddeċiedi jekk għandux iġib 'il quddiem dan l-att tal-akkuża.[151]"

Bin-nota tat-18 ta' Frar 2010, l-Avukat Ġenerali ordna li jerġa jixhed il-perit arkitett Richard Aquilina, "... sabiex jikkjarifika r-relazzjoni tiegħu ..." liema relazzjoni kienet tinvolvi każ ieħor ta' wieħed mill-imputati li senjatament trattat sparar fuq il-faċċata ta' dar ta' l-istess imputat (liema każ ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-kumpilazzjoni), filwaqt li ordna lill-Qorti għall-ħatra t'espert sabiex jagħmel l-analiżi ta' tlett *mobile phones* miġbura fl-inkjesta preliminari, filwaqt li ntalab wkoll li jiġu ppreżentati xi sentenzi preċedenti tal-Qrati in konnessjoni mal-akkuża ta' reċidiva[152].

Fis-seduta tas-26 ta' Frar 2010, l-Qorti ħatret l-espert Martin Bajada għall-analiżi tal-mobile phones, iddifferiet il-kawża, u bagħtet l-atti lura lill-Avukat Ġenerali[153].

---

[144] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 757-760, 761
[145] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 764
[146] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 765
[147] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 817
[148] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 818
[149] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 819
[150] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 835
[151] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 919
[152] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 920
[153] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 921, 922, 930

Fl-24 ta' Marzu 2010, in-nota tal-Avukat Ġenerali fil-qofol tagħha, trattat l-istess ordnijiet mogħtija fit-18 ta' Frar 2010, ossija il-preżentazzjoni tal-istess sentenzi w x-xhieda tal-perit arkitett u x-xhieda tal-espert inkarigat bl-analiżi tal-mobile phones, bl-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[154].

Dawn is-sentenzi ġew ippreżentati mill-prosekuzzjoni fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010, filwaqt li l-perit arkitett Richard Aquilina reġa xehed u kkonferma li ma kien ingħata l-ebda karigu f'din il-kawża, għajr li jippreżenta relazzjoni preċedenti in konnessjoni m'imputat fil-kawża (liema imputat ma kienx ir-rikorrent ojern)[155]. F'dik is-seduta il-Qorti ġiet infurmata wkoll li l-espert Martin Bajada kien "għadu ma espletax l-inkarigu lilu mogħti stante li għadu ma ngħatax l-esebiti li dwarhom irid jirrelata.[156]" B'hekk il-kawża ġiet differita, b'atti mgħoddija lura lill-Avukat Ġenerali[157].

Fin-nota tas-27 t'April 2010, l-Avukat Ġenerali għal darb' oħra ordna lill-Qorti sabiex tisma lill-espert Martin Bajada, w sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara "definittivament" xi provi jonqosha[158].

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2010, l-espert Martin Bajada jixhed is-segwenti:

> "Wara li rrintraċċajt l-esebiti tat-2004, sibt li l-mobile phones kienu erbgħa u mhux tlieta barra minn hekk żewġ mobile phones, il-battrey packs tagħhom illikjaw għax ħallewhom bil-battries fihom, għal erba' snin sħaħ ... ma nafx kemm ha jaħdmu l-mobile phones ... Problema oħra li kien hemm erba' mobile phones u mhux immarkati. Ir-rinviju kien jaqra biex neżamina JM 5, 6, 7. Fuq il-phones ma hemm liema hu l-5, 6, 7. Qed nipprova mal-exhibit officer, nidentifikaw jekk hemmx xi dokumentazzjoni li jindikaw per kazu JM5 huwa JM 6, biex naraw jekk nistax nidentifika liema hu, ir-raba' phone iż-żejjed.[159]"

B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas il-Qorti estendiet iż-żmien tal-inkarigu tal-espert Martin Bajada. Il-prosekuzjoni ddikjarat wkoll li jien jonqosha l-aħħar żewġ uffiċjali tal-pulizija (fosthom is-Supretendent Domnic Micallef li ħabat li kien imsiefer) bħala xhieda għall-finijiet tar-reċidiva, w l-kawża ġiet differita, bl-atti jmorru lura għand l-Avukat Ġenerali[160].

Fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2010, l-espert Martin Bajada xehed bil-ġurament fejn irrimarka li sab diskrepanza fil-marka tal-esebiti tal-mobile phones, tant li kien hemm dubju jekk l-esebiti li ġew mogħtija lilu kinux vera l-esebiti tal-każ in diżamina. Huwa rrimarka wkoll li xi dokumenti in konnsessjoni ma' l-esebiti ma setgħux jiġu traċċati mil-*exhibit officer*. B'daqstant ħtieġ li jiġu korretti dawn

[154] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1017
[155] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1030
[156] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1023
[157] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1041
[158] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1047
[159] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5. *fol.* 1050
[160] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5. *fol.* 1048, 1052

id-diskrepanzi f'dik is-seduta[161]. Oltre minn hekk il-prosekuzzjoni reġgħet indikat bħala l-aħħar xhud tagħha l-istess xhud (is-Supretendent Domnic Micallef) li kien għadu imsiefer mis-seduta ta' qabel. Il-kawża ġiet għalhekk differita, w l-atti ntbagħtu għand l-Avukat Ġenerali[162].

Fit-23 ta' Lulju 2010 x-xhud prospettiv, is-Supretendent Domnic Micallef ntavola rikors sabiex jiġġustifika l-assenza tiegħu fis-seduta li kien se jmiss tad-29 ta' Lulju 2010, għar-raġuni li kien se jsiefer fuq btala[163].

Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2010, xehed l-espert Martin Bajada li kien maħtur fis-26 ta' Frar 2010[164], fejn ppreżenta r-relazzjoni tiegħu filwaqt li ma seħħ xejn aktar, w għaldaqstant l-kawża ġiet ddiferita[165].

Fis-seduta tal-10 t'Awwissu 2010, il-Maġistrat sedenti kienet indisposta, b'daqstant il-kawża ġiet differita, bl-atti jintbagħatu għand l-Avukat Ġenerali[166].

B'rikors tat-2 ta' Settembru 2010, l-prosekuzzjoni talbet differiment għar raġuni li l-prosekutur kien se jkun imsiefer[167].

Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2010, **<u>il-prosekuzzjoni iddikjarat li "definittivament" ma kellhiex aktar provi xi tressaq</u>**, filwaqt li xehed is-Supretendent Domnic Micallef b'relalazzjoni ma' kawża preċedenti li kienet tirrigwarda r-riċediva ta' wieħed mill-imputati. Kawża ġiet għalhekk differita bl-atti mibgħuta lill-Avukat Ġenerali[168].

Fin-nota tar-rinviju tat-28 t'Ottubru 2010, l-Avukat Ġenerali ordna l-ħatra t'espert ieħor sabiex informazzjoni viżwali ppreżentata f'*video casettes* relatata mal-każ tiġi maqluba f'format ieħor, filwaqt li l-atti ġew imrodda lill-Qorti[169].

Fid-29 t' Ottubru 2010, il-Qorti ħatret l-espert Stephen Farrugia Sacco b'riferenza tat-transmissjoni tal-formats tal-*casettes* u l-kawża ġiet differita, bl-atti jintbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali[170].

Fis-26 ta' Novemberu 2010, l-Avukat Ġenerali ordna sabiex jinstema l-espert maħtur fl-aħħar seduta, filwaqt li l-atti ntbgħatu lill-Qorti[171].

---

161 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1071, 1072
162 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1067, 1073
163 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1078
164 *Op.cit.* 153
165 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol 5, *fol.* 1080
166 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1120, 1021
167 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1137
168 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1139-1142
169 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1169
170 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1171, 1173
171 Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1174

Is-seduta tal-10 ta' Diċembru 2010, l-kawża reghget giet differita minħabba theddida ta' bomba fil-bini tal-Qorti, bl-atti jirritornaw lura għand l-Avukat Ġenerali[172].

Is-seduta tal-21 ta' Jannar 2011, reghget giet differita għar-raġuni li l-Maġistrat Sedenti kienet tinsab indisposta, bir-radd lura tal-atti lill-Avukat Ġenerali[173].

Ghalkemm l-Avukat Ġenerali, permezz tar-rinviju ta' nhar is-16 ta' Frar 2011 talab li fis-seduta li jmiss jinstema l-espert Stephen Farrugia Sacco, madanakollu fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Frar 2011 ma nstema xejn, bil-kawża tiġi differita għal jum ieħor[174].

Fl-4 ta' Marzu 2011, xehed Dr. Stephen Farrugia Sacco, filwaqt li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu, u **l-prosekuzzjoni għal darb' oħra ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq**, bil-kawża tiġi differita u l-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[175].

Fil-25 t' April 2011, l-Avukat Ġenerali ordna lill-Qorti mingħajr ma speċifika fid-dettall, li tieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe prova oħra li l-prosekuzzjoni jidrilha xieraq li titressaq w għalhekk bagħat l-atti lill-Qorti[176].

Fit-3 ta' Mejju 2011, fuq ordni tal-Qorti, l-kawża ġiet appuntata għal jum ieħor[177].

Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2011, **il-prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq**, u l-kawża ġiet differita, bl-atti jintbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali[178].

**Ghaldaqstant minn analizi tas-seduti kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta Bhala Qorti Istruttorja jirrizulta illi:**

- Total ta' seduti: **ħamsa w sebgħin (75) seduta**
- Total ta' seduti fejn il-Maġistrat Inkwerenti kienet tinsab indisposta: **ħames (5) seduti**
- Total ta' seduti tas-smiegħ tax-xiehda: **wieħed u tletin (31) seduta**
- Total ta' seduti fejn xhieda mħarrka naqsu milli jattendu: **tnax-il (12) seduta**
- Total ta' seduti fejn l-atti ma' nbgħatux mill-Avukat Ġenerali: **żewġ (2) seduti**
- Total ta' seduti moħlija fejn il-prosekuzjoni merament iddikjarat li ma kelliex aktar provi x' tipproduċi: jew li strettament indikat xhieda speċifiċi bħala l-aħħar provi tagħha: **ħdax-il (11) seduta**

[172] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1173, 1176
[173] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1193, 1194
[174] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1218
[175] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1230, 1242
[176] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1243
[177] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5, *fol.* 1244
[178] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1245, 1247

- Total ta seduti oħra fejn il-prosekuzzjoni tagħat lok għall-ħela taż-żmien: **ħamsa w tletin (35) seduta**

Għalhekk il-proċess tal-kumpilazzjoni biss, fil-konfront tar-rikorrent u tal-ko-akkużati l-oħra dam **aktar minn sebgħa snin**, ossija mill-jum tal-arrest fl-20 t'April 2004, sal-jum li nħareġ l-att t'akkuża ossija fis-16 ta' Ġunju 2011. Jemergi bic-car illi numru konsiderevoli ta' seduti gew differiti inutilment, b'mod partikulari dawk is-seduti li seħħew fis-snin 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 rispettivament.

**Min-naha l-ohra minn qari akkurat tal-atti processwali jirrizulta illi** darbtejn <u>biss</u> kienu l-okkażjonijiet fejn ir-rikorrenti m'attendiex għas-seduti relattivi. L-ewwel nuqqas sar fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2010[179]. Dakinhar il-Qorti xorta pproċediet bis-smiegħ tas-seduta ai termini tal-artikolu 405 sub-inċiż (4) tal Kodiċi, Kriminali ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li senjatament jgħid li:

"Jekk l-imputat imħarrek ma jidhirx, ix-xhud jinsama', u x-xiehda tiegħu titqies bħallikieku ġiet mismugħa quddiem l-imputat stess."

B'daqstant din l-assenza żgur li ma tistax tiġi klassifikata bħala waħda li xekklet il-kumpilazzjoni tal-każ ikkontemplat.

Id-darba l-oħra fejn ir-rikorrent kien naqas milli jattendi kien fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016. Hawnekk il-Qorti sabet lir-rikorrent ħati ta' disprezz w ordnat li jitressaq b'mandat t'arrest għas-seduta li kien se jmiss[180].

Madanakollu ghajr ghal dawk l-istanzi fejn ir-rikorrenti kien ma jiflahx u pprezenta certifikat mediku, l-esponenti dejjem kien prezeneti ghas-seduti skedati u li ghalihom kien notifikat. Fil-maġġoparti tas-seduti r-rikorrent dejjem kien preżenti.

### A.4.2 Dwar il-Process quddiem il-Qorti Kriminali dwar l-eccezzjonijiet Preliminari

Fis-16 ta' Ġunju 2011 inħareġ l-Att tal-Akkuża, fil-konfront tal-imputati kollha inkluż kontra r-rikorrent in diżamina, fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Giovanna Pace, Mark Pace u Christopher Mazzitelli" bin-numru 13/2011.

Il-Qorti ordnat is-smiegħ tal-kawża għall-10 t'Ottubru 2011, b'dana kollu fis-6 t'Ottubru tal-istess sena, l-Avukat Ġenerali talab differiment tas-smiegħ għar-raġuni li kien ġie assenjat avukat ġdid liema avukat ħabat li kien impenjat u msiefer fil-ġimgħa ta' qabel, u li allura ħtieġlu li jiehu konoxxenza tal-każ[181]. Il-Qorti laqgħet it-talba w ddiferiet il-kawża għas-17 t'Ottubru 2011[182].

---

[179] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04 Vol. 5; *fol.* 1048
[180] Atti tal-Kawża Nru: 346/16; Seduta tat-13-06-2016
[181] Rikors tal-Avukat Ġenerali tas-6 t'Ottubru 2011
[182] Digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 t'Ottubru 2011

Wara li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imputati ġew intavolati ai termini tal-liġi, l-Qorti Kriminali ddeċidiet dwarhom nhar is-6 ta' Jannar 2012[183].

### A.4.3 Dwar il-Process quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

Fil-11 ta' Jannar 2012, r-rikorrent appella *in parte* mis-sentenza su riferita, filwaqt li permezz ta' Digriet mgħoti fis-7 ta' Diċembru 2012 l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat lill-Avukat Ġenerali jwieġeb għar-rikors tal-appell tar-rikorrent. Ir-rikors tal-Avukat Ġenerali ġie ntavolat nhar is-27 ta' Dicembru 2012[184].

L-Appell mis-sentenza li trattat l-eċċezzjonijiet preliminari ġie deċiż nhar it-13 ta' Ġunju 2013, ossija 'l fuq minn sena wara li ġie ntavolat l-appell tar-rikorrenti[185].

**Għalhekk b'mod komplessiv is-smiegħ tal-eċċezzjonijiet preliminari dam ċirka sena w ħames xhur.**

### A.4.4 Dwar ir-Referenza Kostituzzjonali mitluba mill-ko-imputata

Fil-5 ta' Novembru 2013, il-Qorti Kriminali appuntat is-smiegħ tal-ġuri fil-konfront tal-ko-imputati għas-17 ta' Frar 2014[186].

Illi permezz ta' riferenza kostituzzjonali nru 93/2013 il-ko-imputata Giovanna Pace talbet lill-Qorti Kriminali sabiex issir referenza kostituzzjonali quddiem il-Qorti Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali[187], liema Qorti bis-sentenza tagħha sabet li kien hemm lezjoni tad-drittijiet.

Sussegwentament, fid-dawl tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 t'Ottubru 2014, l-Avukat Ġenerali informa lill-Qorti Kriminali li kienet se tinħareġ il-kontro-ordni relattiva sabiex il-każ jiġi trattat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bl-atti jmorru lura għand il-Qorti tal-Maġistrati[188], permezz tar-rinviju tal-5 ta' Novembru 2015.

### A.4.5 Dwar l-istadju tad-difiza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Bin-nota tar-rinviju tal-kontro-ordni tal-ġudizzju datata 13 ta' Jannar 2015 l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputati tal-każ jiġu proċessati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

---

183 Sentenza tal-Qorti Kriminali dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari, tas-6 ta' Jannar 2012
184 Rikors tal-Avukat Ġenerali ta' nhar l-11 ta' Jannar 2012
185 Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar it-13 ta' Ġunju 2013
186 Digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar il-5 ta' Novembru 2013
187 Riferenza Kostituzzjonali Nru 93/2013
188 Rikors tal-Avukat Ġenerali tat-3 t'Ottubru 2014

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2015[189], wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi, l-imputati nkluż wkoll ir-rikorrent ddikjaraw li ma kellomx oġġezzjoni li l-kawża tagħhom tiġi trattata w deċiża b'mod sommarju. Filwaqt li d-difiża tar-rikorrenti immedjatament infurmat lill-Qorti li xtaqet tagħmel kontro-eżami lill-Ispettur Josric Mifsud.

Meta ssejħet is-seduta tas-27 ta' Marzu 2015[190], xehed in kontro-eżami l-Ispettur Josric Mifsud.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, d-difiża tar-rikorrent talbet sabiex jinġiebu diversi fedini penali aġġornati ta' whud mix-xhieda li xehdu fil-proceduri mertu ta'dan ir-rikors kostituzzjonali[191].

Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2015, xehdu in kontro-eżami żewġ xhieda, filwaqt li ġew ppreżentati l-fedini penali mitluba, bil-kawża tiġi differita għat-2 t'Ottubru 2015[192].

Mill-verbal tat-2 t' Ottubru 2015, jidher li kien prezenti r-rikorrenti, però il-kawża ġiet differita[193].

Is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2015, ġiet differita minħabba raġunijiet personali tal-Uffiċċjal Prosekutur[194].

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2016[195], ġie ppreżentat ċertifikat mediku ta' wieħed mill-imputati w l-kawża ġiet differita.

Nhar l-4 ta' Marzu 2016[196], wieħed mill-imputati kien jinsab indispost għas-seduta w l-kawża ġiet differita.

Fis-seduta tad-29 t' April 2016[197], id-difiża tar-rikorrent talbet li tressaq il-provi in sosten tal-provedimenti ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2016[198], dehru l-imputati nkluż ukoll l-istanti rikorrent, però l-kawża ġiet differita għal jum ieħor.

**Fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2016, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju f'sens li l-każ tar-rikorrent kellu jipproċedi separatament mill-każ tal-imputati l-oħra[199].**

[189] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tat-13-02-2015
[190] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tas-27-03-2015
[191] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tal-14-05-2015
[192] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tal-12-06-2015; Xhieda Ġuramentata ta' Jon Lawrence Formosa; Xhieda Ġuramentata ta Floyd Attard
[193] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tat-02-10-2015
[194] Atti Tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tal-11-12-2015
[195] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tad-29-01-2016
[196] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tal-04-03-2016
[197] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tad-29-04-2016
[198] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tas-27-05-2016
[199] Atti tal-Kumpilazzjoni Nru: 325/04; Seduta tat-03-06-2016

Fis-16 ta’ Novembru 2016[200], il-kawża ġiet differita minħabba theddida ta’ bomba fil-bini tal-Qorti.

Fis-16 ta’ Novembru 2016[201], fuq ordni tal-Qorti il-kawża ġiet differita għal-Frar 2017.

Is-seduta tad-9 ta’ Frar 2017[202], reġgħet ġiet differita minħabba l-indispożizzjoni tal-Maġistrat sedenti.

Fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2017, id-difiża tar-rikorrenti produċiet ix-xhieda kollha in difesa, inkluz ir-rikorrenti (dak iż-żmien l-imputat) *li di sua sponte* ghazel li jixhed.

Jirrizulta illi r-rikorrenti kien ilu erbatax-il sena jistenna sabiex jixhed f dawn il-proċeduri sabiex effettivament iwieġeb għall-akkużi ta’ pussess u traffikar tad-droga li kienu ġew mressqa kontriħ lura fl-2004. Fl-istess xhieda tieghu, ir-rikorrenti ammetta bil-ġurament li ġieli kien ipejjep xi *joint* tal-ħaxixa, (u kien propju unikament fuq din ix-xhieda li huwa instab ħati biss ta’ pussess sempliċi). Ir-rikorrent bil-ġurament tiegħu ikkonferma wkoll li f’żmien t’erbatax-il sena huwa <u>qatt</u> ma kien ġie mixli b’kawżi oħra relatati mad-droga.

Fis-seduta ta’ wara, ossia tal-10 ta’ Marzu 2017[203], id-difiża għalqet il-provi tagħha.

Is-seduta tal-25 ta’ Mejju 2017[204] ġiet differita għat trattazzjoni finali.

Fis-seduta tal-15 ta’ Ġunju 2017[205] saret it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża. Illi fil-mori ta’ din it-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni qalet is-segwenti:

“**... aħna m’aħniex ngħidu li Mazzitelli kien il-perċimeż ... Jiġifieri aħna m’aħniex nikkontendu li kien ħa ngħidu il-kelma, kingpin tal-operazzjoni kollha ...**”[206].

It-trattazzjoni su ċitata tindika biċ-ċar tul din il-medda ta’ snin il-prosekuzzjoni qatt ma qieset lir-rikorrenti bħala l-persuna ‘perċimeż’ fil-każ kontriħ. Iżda minkejja dan, l-istess prosekuzzjoni kellha tieħu dan żmien kollhu sabiex tressaq il-provi tagħha fil-konfort tiegħu u b’konsegwenza ta’ dan. il-kawża damet snin sħaħ sakemm finalment ġiet determinata.

Fis-seduta tal-1 ta’ Diċembru 2017[207], il-Qorti ordnat li s-sentenza kellha tiġi differita għat-2 t’ Frar 2018.

---

200 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tas-16-11-2016
201 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tas-16-12-2016
202 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tad-09-02-2017
203 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-10-03-2017
204 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-25-05-2017
205 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-15-06-2017
206 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Trattazzjoni Finali mill-Partijiet trattata nhar il-15-06-2017
207 Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-01-12-2017

Fit-2 ta' Frar 2018[208], kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża li din il-kawża u l-kawża l-oħra kontra l-ko-imputati kellhom, għal-finijiet ta' spjedanza u anke minħabba li l-proċessi kieku akkumulaw fil-volumi tagħhom tul dawn is-snin kollha, jiġu mgħotija flimkien. Effettivament dan kompla jtawwal il-proceduri kriminali

Is-seduta tat-23 ta' Marzu 2018[209], ġiet differita għall-11 ta' Mejju 2018.

Is-seduta tal-11 ta' Mejju 2018[210], sfat differita għal Ġunju 2018.

Is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2018[211], reġgħet ġiet differita għal Settembru 2018.

Is-seduta ta' nhar l-20 ta' Settembru 2018, ġiet differita għal Ottubru 2018.

Fid-19 t'Ottubru 2018[212], il-kawża ġiet differita għal jum ieħor.

Fit-30 t'Ottubru 2018[213], l-kawża ġiet differita għal-Novembru 2018.

Fid-9 ta' Novembru 2018[214], il-kawża ġiet differita għal-Jannar 2019.

Fil-25 ta' Jannar tas-sena kurrenti[215], ngħatat is-sentenza relattiva fil-konfront tar-rikorrent, u hekk il-kawża ġiet relattivament deċiża.

Illi sussegwentement tali kawża rrendiet ruħha f'waħda ta' *res iudikata* għal-fatt li la l-esponenti u wisq anqas l-Avukat Ġenerali m'appella minn tali gudizzju.

**Is-Seduti ta' Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

- Total ta' seduti: **tlieta w għoxrin (23) seduta**
- Total ta' differimenti minn wara l-għeluq tal-provi tad-difiża sal-għoti tas-sentenza: **disa'-il (9) differiment**

Mill-atti relattivi jirrizulta li l-provi tar-rikorrenti ġew konkluzi fi żmien relattivament qasir, speċjalment meta wieħed iqabbilom mas-seduti li l-prosekuzzjoni matulhom s ressqet il-provi tagħha. Illi mill-atti tal-każ jirriżulta li l-prosekuzzjoni ħadet total ta' tagħha. **tmienja w sittin (68)** seduta għall-iskop tal-provi fil-konfront tar-rikorrenti. Minn naħa l-oħra d-difiża tar-rikorrenti ħadet biss total ta' **erbgħatax-il (14)** seduta sabiex ressqet il-provi

**B. Dwar Punti ta' Dritt in konnessjoni ma' dan l-Ilment Kostituzzjonali**

[208] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-02-02-2018
[209] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tat-23-03-2018
[210] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-11-05-2018
[211] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-08-06-2018
[212] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-19-10-2018
[213] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-30-10-2018
[214] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-09-11-2018
[215] Atti tal-Każ Nru: 346/16; Seduta tal-25-01-2019

Il-lanjanza da parti tar-rikorrenti tippernja fuq Artikolu 39 sub-inċiż (1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 sub-inċiż (1) tal- Konvenzjoni, li tesiġi li meta persuna tiġi akkużata b'reat kriminali liema akkuża ma tiġix irtirata, l-akkużat għandu jingħata smiegħ xieraq, f'għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa mill-liġi.

Prinċipalment u kif konstatat anke mill-ġurisprudenza nostrana, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-għan tal-jedd ta' smiegħ xieraq fiż-żmien raġonevoli, huwa ntiż sabiex kwalunkwe akkużat ma jibqax imdendel taħt kapi t'akkużi għal żmien twil indefinit (Wemhoff v. Germany (1968); Kart v. Turkey (2009)).

It-terminu legali "taż-żmien raġonevoli" kif misjub fil-liġijiet fundamentali tal-bniedem, jinkombi fuq l-Istat li jittratta l-proċeduri ġudizzjarji inklużi dawk kriminali b'mod spedjenti (Boddaert v. Belgium (1992)). Dan jimponi obbligazzjoni pożittiva fuq l-Istat, li min-naha tieghu ghandu jassigura li l-mekkanizmu gudizzjarju ghandu joahdem b'tali mod u manjiera li jkun kapaci jaghti gudizzju fi żmien raġionevoli.

Il-prinċipju tal-obbligazzjoni t'effiċjenza ġudizzjarja taqa' fuq l-ispalla tal-Istat li għandu għalhekk jistabbilixxi proċeduri u mekkaniżmi li jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji jitwettqu u jitmexxew b'effiċjenza fiż-żmien raġonevoli, skond iċ-ċirkustanzi tal-każ tagħhom (Richard Anderson v. United Kingdom (2010)).

B'daqstant għandu jkun l-Istat li jirrispondi għal dewmien meta jiskatta il-kriterju taż-'żmien raġonevoli' (Bhandari v. the United Kingdom (2007)), u dan senjatament meta l-Istat jonqos milli jadotta miżuri li jassiguraw effiċċjenza fi proċeduri ġudizzjarji.

L-fatturi li għandhom jiġu mgħarbla fl-assjem tagħhom bħala kriterji taż-żmien raġonevoli huma:

i. l-kumpessita' tal-każ u,
ii. l-aġir tal-partijiet il-kawża u,
iii. l-aġir tal-awtoritajiet relevanti fil-każ- f'dan il-każ l-aġir t' awtorità ġudizzjarja
(Pélissier and Sassi v. France (1999) *inter alia*).

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju, b'referenza lejn il-kriterju tal-kumplessita tal-każ jista' jingħad li r-rikorrent instab ħati biss, fuq ammissjoni tieghu stess, illi fi zmien mertu tal-proceduri kriminali de quo, huwa kien jaghmel uzu mill-kannabis. Dan ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni stess fit-trattazzjoni tagha rriteniet illi mill-budu nett tal-proceduri odjerni kienet konxja tal-fatt illi r-rikorrenti qatt ma kien il-hsieb wara din l-organizzazzjoni kriminuza. Dan ghandu wkoll jigi kkunsidrat ktar minn dan wieħed jista jgħid wkoll li l-ammont ta' droga soġġett għal-kawża "il-Pulizija vs. Mazzitelli Christopher", kien wieħed relattivament żgħir, li nvolvla Total ta' 132.2 grammi ta' droga.

B'referenza lejn l-aġir tarr-rikorrent u dan kif jemerġi ċar mill-atti proċesswali tal-każ, ir-rikorrenti ikkopera kontinwament mal-awtoritajiet ġudizzjarji (u dan tul l-erbgħatax-il sena w għaxar xhur tal-proċeduri) u ma jidher imkien li huwa qatt ta lok għal ħela ta' ħin f'dawn il-proċeduri.

Ser jirrizulta fl-andament ta' dawn il-proċeduri li l-atti proċesswali tal-kumpilazzjoni relattiva, huma mifnja b'leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif dedotti f'dan ir-rikors, li essenzjalment huma dawk id-drittijiet li jħarsu u jipprovdu għall-ħarsien ta' smiegħ xieraq, fiż-żmien raġonevoli.

Ser jirriżulta wkoll li fid-dawl tal-proċeduri kriminali l-ebda mekkaniżmu t'effiċjenza ma' ġie addottat min-naħa tal-prosekuzjoni sabiex r-rikorrent *per se* jiġi trattat fi żmien raġonevoli. Dan qed jingħad wkoll fil-kuntest partikulari tal-każ tiegħu, fejn huwa spiċċa ħati biss ta' pussess sempliċi wara proċeduri t'erbgħatax-il sena w għaxar xhur sħaħ, u għal tul dan iż-żmien kollu il-liberta' tiegħu baqgħet kundizzjonata taħt il-*bail conditions* li ġew imposti fuqu.

Għaldaqstant r-rikorrent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-proċedimenti kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma' twettqux fiż-żmien raġonevoli kif sanċiti f' Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimati u/jew min minnhom;

2. Tiddikjara li r-rikorrent sofra leżjoni tal-jeddijiet tiegħu sanċiti f'Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimati u/jew min minnhom;

3. Tillikwida kumpens xieraq għad-danni mġarrba mir-rikorrent;

4. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu tali kumpens hekk likwidat lir-rikorrent għal tali leżjoni fiż-żmien qasir u perentorju;

5. Tagħmel u tagħti dawk l-ordnijiet u jew direttivi li tqis xierqa u twettaq u tiżgura rimedju effettiv għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali sofferti mir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali (l-intimati Awtoritajiet) preżentata fl-20 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi "*Ser jirrizulta fl-andament ta' dawn il-proceduri li l-atti processwali tal-kumpilazzjoni relattiva, huma mifnija b'lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif dedotti f'dan ir-rikors, li essenzjalament huma dawk*

*id-drittijiet li jharsu u jipprovdu ghall-harsien ta' smiegh xieraq, fiz-zmien ragonevoli. Ser jirrizulta wkoll li fid-dawl tal-proceduri kriminali l-ebda mekkanizmu t'efficjenza ma' gie addottat min-naha tal-prosekuzzjoni sabiex ir-rikorrent per se jigi trattat fi zmien ragonevoli. Dan qed jinghad wkoll fil-kuntest partikulari tal-kaz tieghu, fejn huwa spicca hati biss ta' pussess semplici wara proceduri t'erbghatax-il sena w ghaxar xhur shah, u ghal tul dan iz-zmien kollu il-liberta' tieghu baqghet kundizzjonata taht il-bail conditions li gew imposti fuqu".*

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi in linea preliminari, il-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kuntradittur sabiex iwiegeb ghall-ilment kif impustat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghandu ghalhekk jigi dikjarat bhala tali u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jissottomettu li huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli huwa essenzjalment il-kumplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita` gudizzjarja;

3. Illi mill-inkartament tal-proceduri kriminali numru 325/04 u 346/2016 li jirrigwardaw il-mertu tal-kawza odjerna li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Jannar 2019 jirrizulta illi r-rikorrenti kien tressaq flimkien ma' tlett persuni ohra (Mark Pace, Giovanna Pace u Joseph Pace) talli fl-20 ta' April, 2004 u l-erba xhur ta' qabel kien assocja ruhhu flimkien ma' persuni ohra sabiex jittraffika l-eroina, kokaina u raza tal-cannabis; talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina; talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina; talli biegh jew ittraffika fir-raza tal-cannabis; talli kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-cannabis; talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura l-kokaina; talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina; talli kien recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fid-29 ta' Lulju 2002. Illi fil-kors tal-kumpilazzjoni ttellghu numru konsiderevoli ta' xhieda u kien hemm numru ta' esperti li gew mahtura sabiex jespletaw l-inkarigu taghhom. Illi minkejja l-kumplessita` ta' dan il-kaz fejn originarjament bdiet il-kumpilazzjoni kontra erba ko-imputati fejn imbaghad fit-12 ta' Mejju 2004 il-Qorti li kienet qieghdha tisma' l-kumpilazzjoni tat id-digriet tal-*prima facie* fejn illiberat lil wiehed mill-ko-imputati ghaliex ma sabitx li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta' akkuza filwaqt li ordnat li l-kumpilazzjoni titkompla kontra t-tlett ko-imputati l-ohra inkluz ir-rikorrenti, fejn kien hemm diversi istanzi fejn ir-rikorrenti jew il-ko-imputati l-ohra talbu differiment ghal raguni jew ohra jew adirittura ma dehrux, u fejn minkejja dan kollu, il-kumpilazzjoni inghalqet fl-24 ta' Gunju 2011 u cioe` biss seba' snin wara li nbdiet u dan peress li fis-16 ta' Gunju 2011 kien inhareg l-Att ta' Akkuza numru 13/2011 in konfront tat-tlett ko-imputati. Illi wara li hareg l-Att tal-Akkuza gew intavolati l-eccezzjonijiet mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali, inghatat sentenza minn dik il-Qorti li

giet appelalata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li tat is-sentenza taghha fit-13 ta' Gunju 2013. Illi eventwalment inharget il-kontro-ordni mill-Avukat Generali sabiex il-procedura tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali fejn inqraw l-Artikoli in konfront tal-ko-imputati u bdew il-provi difiza. Illi fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex il-kaz tar-rikorrenti jitmexxa separatament mill-kaz tal-imputati l-ohra. Illi sahansitra kien hemm istanza fejn ir-rikorrenti ma deherx quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u nstab hati ta' disprezz kif ukoll istanzi ohra fejn wara li saret is-separazzjoni intalbu differimenti. Sahansitra r-rikorrenti talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex is-sentenza tieghu tinghata flimkien ma' dik li kienet ser tinghata fil-kaz fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mark Pace et' bil-konsegwenza li l-kawza tar-rikorrenti minkejja li trattata fil-mertu baqghet ghalhekk fuq talba tar-rikorrenti tistenna l-konkluzjoni tal-proceduri in konfront ta' Mark Pace u Giovanna Pace. Illi aktar minn hekk u minkejja l-agir tar-rikorrenti, meta wiehed jikkunsidra li minn meta inqraw l-Artikoli mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar 2015 sakemm inghatat is-sentenza in konfront tar-rikorrenti kull ma kien ghadda kien biss ftit inqas minn erba' snin, certament li wiehed ma jistax jitkellem dwar dewmien fil-proceduri jew b'xi mod jipponta subajgh kontra l-agir tal-awtorita` gudizzjarja.

4. Illi mill-*iter* processwali jirrizulta li ma kien hemm l-ebda dewmien irragjonevoli kif allegat mir-rikorrenti u dan specjalment izda mhux biss tenut kont tal-kumplessita` tal-kaz, in-numru ta' xhieda u l-fatt li l-kaz tar-rikorrenti kien originarjament qieghed jinstema' flimkien ma' numru ta' ko-akkuzati ohra b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li kien hemm xi dewmien li jeccedi l-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli, mill-atti processwali huwa manifest li r-rikorrent odjern kien akwijexxenti matul il-prosegwiment shih tal-proceduri kriminali li jiffurmaw mertu tal-kawza odjerna u qatt ma oggezzjona jew ilmenta minn xi allegat pregudizzju li kien qed jikkawzalu l-allegat dewmien tal-proceduri. Bir-rispett dovut, huwa ghal kollox inawdit li mputat jibqa' ghal kollox passiv matul il-proceduri gudizzjarji kontrih sabiex imbaghad sitt xhur wara li jigu decizi tali proceduri jilmenta ghall-ewwel darba li matul l-imsemmja proceduri kriminali gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u li l-allegat dewmien ikkawzalu danni.

6. Illi f'kull kaz u bla hsara ghall-fatt li l-proceduri odjerni mhumiex ta' *culpa* akwiljana jew kawza ghad-danni, *dato ma non concesso* kien hemm xi dewmien li jeccedi l-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli, ir-rikorrenti irid igib prova tajba tal-allegati danni li ssubixxa kif ukoll irid juri li tali danni li allegatament garrab kienu l-konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proceduri kriminali.

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* u biss ghall-grazzja tal-argument li nksiru d-drittijiet ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li l-esponenti jopponi, ma hemm l-ebda lok ghal rimedju jew kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju iehor kif mitlub mir-rikorrenti u dan stante li:

   (a) l-iskop tad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbilita *standards* u huwa s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards li huwa r-rimedju ewlieni;

   (b) illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-fatt li ma hemm lok ghall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti, l-esponenti jissottometti li r-rikorrenti kien dejjem assistit tul il-proceduri kriminali minn avukat tal-ghazla u l-fiducja tieghu. Illi tenut kont li mill-verbali u mill-atti processwali ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt ilmenta minn dewmien fil-proceduri jew b'xi mod allega ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq matul dawk il-proceduri, ir-rimedju mitlub f'dawn il-proceduri mhuwiex gustifikat. Illi certament li huwa d-dmir tad-difiza li tiehu sehem attiv fil-proceduri kriminali u fejn jidhrilha li hemm dewmien li hija tirritjeni li mhux gustifikat tipprotesta quddiem dik il-qorti ta' gurisdizzjoni penali u titlob li tinghata l-provvedimenti opportuni. Illi m'ghandux jigi permess u premjat il-fatt li r-rikorrenti qaghad passiv u ma jilmentax quddiem il-Qrati penali imbaghad wara li jinqatghu l-proceduri penali jippretendi kumpens.

   (c) Illi dejjem minghajr pregudizzju, hija l-umli fehma tal-esponenti li ghalkemm dina l-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha tista' taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkluz jekk jidhrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali kif pretizi mir-rikorrenti ma jistghux jig likwidati f'dina s-sede;

   (d) Illi f'kull kaz u dejjem bla hsara ghall-premess, ma hemm l-ebda lok ghall-ghoti ta' kumpens pekunjarju konsistenti f'danni kif allegat mir-rikorrenti.

8. Illi jsegwi ghalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat rat li b'digriet tal-25 ta' Ġunju 2020 ġie kjamat fil-Kawża l-Avukat tal-Istat u għamel tiegħu r-risposta tal-Avukat Ġenerali;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Rat l-atti proċesswali allegati in atti tal-kawża numru 325/04 fl-ismijiet Pulizija vs Giovanna Pace et u 346/16 fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Mazzitelli kif ukoll iż-żewġ referenzi kostituzzjonali numri 93/13 u 94/13 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace et;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-11 ta' Jannar 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-Sentenza wara li l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

**Punti ta' fatti**

**1.** B'dan l-ilment kostituzzjonali, l-attur qed isostni li sofra minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijet tal-Bniedem.

**2.** Dan għaliex il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu fil-kawża numru 325/04 fl-ismijiet Pulizija vs Giovanna Pace et segwiti bil-kawża numru 346/16 fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Mazzitelli ma ġewx konklużi fi żmien raġjonevoli billi sfaw eżawriti fil-konfront tiegħu wara ċirca erbatax-il sena u għaxar xhur mill-jum tal-arrest tiegħu.

**3.** Ir-rikorrent klassifika dan l-ilment ta' dewmien inutili u rragjonevoli f'dawn il-proċeduri f'erba' oqsma kif ġej:

1. Dewmien qabel ma r-rikorrenti ngħata l-ħelsien mill-arrest (fol 2, rikors promotur);

2. Dewmien taħt arrest domiċiljari (fol 3, ibid);

3. Dewmien tal-perjodu li fih baqgħet fis-seħħ l-ordni tal-iffirżar tal-assi (fol 7, ibid);

4. Dewmien ikkawżat fl-iter tal-proċeduri li jinkludi:

    a. Il-proċess quddiem il-Qorti Struttorja (fol 8, intestatura A.4.1, ibid);

    b. Il-proċess quddiem il-Qorti Kriminali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari (fol 30, intestatura A.4.2, ibid);

    c. Il-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri fol 30, intestatura A.4.3, ibid);

    d. Ir-referenza Kostituzzjonali mitluba mill-ko-imputata (fol 31, intestatura A.4.4, ibid);

    e. L-istadju tad-difiża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (fol 31, intestatura A.4.5, ibid).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**4.** Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "*Fid-deċiżjoni ... ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ ... fi żmien raġonevoli ...*".

**5.** L-istess jistipula l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli ...*"

**6.** Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli fi proċedimenti kriminali jfittex li jiżgura li persuni akkużati ma jitqiegħdux taħt akkuża għal żmien twil wisq u li l-akkuża tiġi determinata fi zmien ragjonevoli. Dan sabiex l-persuni akkużati ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrihom (ara **Wemhoff vs Germany**, **Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, 27 ta' Ġunju 1968, § 18, Kart v. Turkey, Qorti Ewrpeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala Awla Manja (AM), 3 ta' Diċembru 2009, § 68**).

**7.** Kif ġie delinjat f'iktar dettal, "*hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand"* (***Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3***)*;*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza*

*xierqa w effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence" (Stephanos Stavros* **–** *The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – paġ 77); (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;"* (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016**).

**8.** Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.

<u>Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti</u>

**9.** Il-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali jibda jiddekorri mill-mument li l-persuna tiġi "akkużata" minn awtorita kompetenti (**Adrian Busietta v. L-Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Marzu 2006, para 9; Tychko v. Russia, QEDB, 11 ta' Ġunju 2015, § 63; Neumeister**

**v. Austria, QEDB, 27 ta' Ġunju 1968, § 18;**). Dan iż-żmien jista' jibda jgħodd anke qabel mal-każ jittressaq quddiem il-qorti (**Deweer v. Belgium**, **QEDB, 27 ta' Frar 1980, § 42**), preċiżament minn meta s-sitwazzjoni tal-akkużat tkun "sostanzjalment affettwata" (**Mamič v. Slovenia (no. 2)**, **QEDB, 27 ta' Lulju 2006, §§ 23-24; Liblik and Others v. Estonia, QEDB, 28 ta' Mejju 2019 § 94**). Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża **Francis Said vs l-Avukat Ġenerali, Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 6 ta' Mejju 2009** "*Iz-zmien jibda jiddekorri minn meta l-akkuzat ikun rinfaccjat b'cirkostanzi tali li "substantially affect the situation of the suspect". ... . Mhix rilevanti d-data ta' meta sar r-reat, jew meta ssir l-inkjesta magisterjali.*"

10. **Il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et datata 14 ta' Jannar 2016** elenkat eżempji li ġew meqjusa bħala sitwazzjonijiet li affettwaw sostanzjalment lill-akkużat. Dawn huma:

- "[Meta] *Issir tfittxija fid-dar tar-rikorrent - Ommer v. Germany, ECHR 26073/03 par. 69;*
- *Meta r-rikorrent jigi maghrraf mill-pulizija bl-akkuzi kontra tieghu - Ommer v. Germany, ECHR 10597/03 par. 54)* [ara wkoll **Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) v. Angelo Abela**, **Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Settembru 2016 para 33**];

- *Meta jigi arrestat - Wenhoff v. Germany, ECHR 2122/64 deciza fis-27 ta' Gunju 1968 par. 19; Cevicovic v. Germany, ECHR 49746/99 deciza fid-29 ta' Lulju 2004 par. 59,*

- *Meta bdiet l-investigazzjoni preliminari - Wenhoff v. Germany, ECHR 2122/64 deciza fis-27 ta' Gunju 1968 par. 19* [jew bl-interrogazzjoni tal-persuna suspettata li wettqet reat - **Kalēja v. Latvia, QEDB, 5 ta' Ottubru 2017** § 40; jew anke bil-ftuħ ta' proċeduri kriminali - **Ringeisen vs Austria, QEDB, 16 ta' Lulju 1971, § 110; Šubinski v. Slovenia, QEDB 18 ta' Jannar 2007, §§ 65-68**)];

- *Meta l-pulizija tissottometti rikjesta biex tigi mnehhija l-immunita tar-rikorrent - Frau v. Italy, ECHR 12147/86 deciza fl-24 ta' Jannar 1991 par. 15; jew*

- *Meta l-awtoritajiet tat-taxxa jabbozzaw audit report li jkun jinkludi obbligazzjoni biex jithallsu tax surcharges - Janosevic v. Sweden, ECHR 34619/97 deciza fit-23 ta' Lulju 2002 par. 92. 16; Foti and others v. Italy, ECHR 7604/76 deciza fl-10 ta' Dicembru 1982 par. 52.*" (kliem fil-parenteżi miżjuda min din il-Qorti).

**11.** Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli japplika għall-proċeduri kollha inkluż dawk quddiem Qorti tal-Appell (**König vs Germany, QEDB, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafu 98; Delcourt v. Belgium, QEDB, 17 ta' Jannar 1970, §§ 25-26; V. v. the United Kingdom, Awla Manja (AM), 16 ta' Diċembru 1999 § 109**).

B'hekk iż-żmien rilevanti jibqa' jitkejjel sas-sentenza li tiddetermina l-akkuża, jiġifieri sakemm "*iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta sar appell (QEDB **19.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet **Angelucci vs Italja** (Applik. Nru. 12666/87) § 15)*" (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali ċitata supra; ara wkoll Neumeister vs Austria, 27 ta' Ġunju 1968,** ***§*** **19**).

**12.** Akkuża kriminali hija "ddeterminata" biss meta s-sentenza tkun eventwalment stabbilita bil-kundanna jew liberatorja tal-akkużat (**Wemhoff v. Germany,** ġia ċitata supra, § 18). F'każ ta' kundanna din trid tkun definittiva, finali u eżegwita (**Eckle vs Germany, QEDB, 15 ta' Lulju 1982, § 77; Ringeisen v. Austria, ċitata supra, § 110; V. v. the United Kingdom ċitata supra, §109**). Di piu' l-eżekuzzjoni tas-Sentenza tal-Qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċess għall-finijiet tal-Artikolu 6. Il-protezzjoni mogħtija bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tibqa' anke meta s-Sentenza mogħtija tillibera lill-persuna minn kull akkuża (**Assanidze vs Georgia, QEDB, 8 ta' April 2004, § 181-183**).

**13.** Ġie stabbilit li fil-kalkolu tat-tul tal-proċedimenti kriminali m' għandux jiġi kkunsidrat dak il-perjodu sussegwenti għal deċiżjoni li jiġu sospiżi l-proċeduri, anke bil-possibiltá li jerġgħu jibdew fi stadju ulterjuri. Dan għaliex f'dan il-każ il-persuna ma tibqax affettwata u ma tibqax tbati mill-inċertezza li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli jfittex li jillimita (**Nakhmanovich v. Russja, QEDB, 2 ta' Marzu 2006, § 89**). Dan il-perjodu iżda jibda ma jiġix ikkunsidrat mhux mid-

data ta' tali deċiżjoni iżda mill-mument li din tiġi komunikata lill-persuna kkonċernata (**Borzhonov v. Russja, § 38; Niedermeier v. Ġermanja** ).

**14.** Din il-Qorti pero' tħoss, li meta Sentenza tiġi annullata mill-Qorti tal-Appell Kriminali biex tkun mismugħa mill-ġdid, anke dak iż-żmien li jkun laħaq għadda qabel mas-Sentenza tkun annullata għandu jingħad u jittieħed in konsiderazzjoni ai finijiet ta' dewmien irraġjonevoli. Dan jingħad ukoll fid-dawl li s-sistema penali tagħna ma jipprovdix għall-Istitut ta' ritrattazzjoni.

Determinazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien

**15.** Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" f'kull stadju tal-kawża, inkluż dak tal-appell (**Anton Camilleri vs Avukat Generali**, **Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; König vs Germany ċitata supra § 110; Boddaert v. Belgium, QEDB, 12 ta' Ottubru 1992, § 36; Deumeland vs Germany, 29 ta' Mejju 1986, § 90**). Għall-Qorti Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem tant tqis dawn il-prinċipji sagrosanti li anke t-tul komplessiv tal-proċedimenti jista' jitqies li jkun qabeż iż-'żmien raġonevoli' anke fejn ċerti stadji tal-istess ikunu mxew b'ħeffa aċċettabli (**Dobbertin v. France**, **QEDB, 25 ta' Frar 1993, § 44**). Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (**Boddaert v. Belgium ċitata**

**supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27). Eżempju ta' dan huwa fejn il-ħtieġa ta' riżoluzzjoni mgħaġġla ta' proċediment m'għandux iċaħħad akkużat mid-drittijiet ta' difiża (Boddaert vs Belgium ċitata supra § 39**.)

**16.** Fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien, il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (**König v. Germany ċitata supra § 99; Neumeister v. Austria ċitata supra § 21; Ringeisen v. Austria ċitata supra § 110; Pélissier and Sassi v. France, QEDB, 25 ta' Marzu 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, QEDB, 17 ta' Diċembru 2004 § 45; Chiarello v. Germany, QEDB, 20 ta' Ġunju 2019, § 45; Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 91**). Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-Awtoritajiet relevanti;

(iv) x'hemm involut ghall-persuna li qed tilmenta;

**17.** Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-QEDB, per eżempju, qieset 10 snin (**Milasi vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju 1987**) u 13-il sena (**Baggetta vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju 1987**) bħala li huma mhux raġjonevoli għall-proċedimenti kriminali. L-Awturi josservaw li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, <u>in all cases which have taken over eight</u>*

<u>*years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*</u>" (**Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228**)" (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali citata supra**). Sottolinear ta' din il-Qorti.

<u>Il-Kumplessitá tal-każ</u>

**18.** Każ jista' jitqies bħala kumpless fejn il-fatti marbuta miegħu jkunu tali li jinneċessitaw il-produzzjoni ta' volum kbir ta' evidenza (**Eckle vs Germany ċitata supra) u/jew is-smiegħ ta' numru kbir ta' xhieda (Mitev vs Bulgaria, QEDB, 22 ta' ta' Diċembru 2004, § 99**), jew fejn ikun hemm għadd kbir ta' akkużi u/jew akkużati jew persuni affettwati (**Papachelas vs Greece, QEDB, 25 ta' Marzu 1999, § 39**). Każijiet jistgħu wkoll jitqiesu bħala kumplessi għax jinvolvu kwistjonijiet legali kumplessi (**Breinesberger and Wenzelhuemer vs Austria**, **QEDB, 27 ta' Novembru 2012, §§ 30-33**) jew minħabba n-natura tagħhom bħal meta jkunu jinvolvu mhux biss l-interessi tal-individwu iżda wkoll dawk tal-kumunitá kollha (**Wiesinger vs Austria**, **QEDB, 30 ta' Ottubru 1991, § 55**). Każ jista' wkoll jitqies kumpless meta jinvolvi kwistjonijiet relatati mal-kundizzjoni ta' saħħa ta' l-akkużat (**Yaikov vs Russia**, **QEDB, 18 ta' Ġunju 2015, § 76**). Fatturi oħra li jikkrejaw kumplessitá huma meta l-każ ikun ta' dimensjoni internazzjonali (**Neumeister v. Austria** ġia ċitata § 20) jew jinneċessita l-ħatra ta' espert speċjalizzat jew li jiġu tradotti dokumenti jew li jintalab interpretu (**Sari v. Turkey and Denmark**, **QEDB, 8 ta' Novembru 2001**). Każ jista' wkoll jitqies estremament ikkumplikat meta jkun jirrigwarda

'white-collar crime' b'element transnazzjonali (**C.P. and Others v. France**, **QEDB, 1 ta' Awwissu 2000 § 30).**

**19.** Ġie stabbilit iżda li l-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (**Ferrantelli u Santangelo vs Italy**, **QEDB, 7 ta' Awwissu 1996, § 42. Ara wkoll QEDB, Ringeisen vs Austria, ġia ċitata**). Minkejja li każ jista' jkun ta' ċerta kumplessità, il-Qorti ma tistax tqis perjodi twal ta' inattività mhux spjegata bħala "raġonevoli" (**Adiletta v. Italy**, **QEDB, 19 ta' Frar 1991, § 17**). Difatti, għalkemm irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi, l-QEDB stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (**Matoń vs Poland**, **QEDB, 9 ta' Ġunju 2009, § 30; Rutkowski and Others v. Poland, QEDB, 7 ta' Lulju 2015, § 137).**

<u>Il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta</u>

**20.** Skont il-QEDB, tali kondotta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li hija fattur oġġettiv tal-proċedimenti li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Wiesinger vs Austria ċitata supra § 57**).

**21.** Għalkemm tali kondotta tiġi hekk kkunsidrata, l-imputat ma jitqiesx responsabbli li kkontribwixxa għad-dewmien fejn ma jkunx ikkopera b'mod attiv biex iħaffef il-proċeduri kontrih (**Eckle vs Germany ċitata supra § 82**) jew fejn ikun għamel użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għalih (**Gubkin vs**

**Russia, QEDB, 23 ta' April 2009, § 167**) - anke fejn ikun eżerċita azzjonijiet intiżi biex idewmu u jostakolaw l-proċess ġudizzjarju (**Eckle v. Germany**, **ċitata supra § 82; Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda., and Others v. Portugal, QEDB, 30 t'Ottubru 2014 § 48**). Dan għaliex "*id-difiza m'ghandha ebda obbligu li tassisti thaffif tal-proceduri li jittiehdu kontra l-imputat (ara* ***Eckle vs. Germany maqtugh mill-Qorti ta' Strasbourg fil-15 ta' Lulju 1992****)*" (**Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Generali et**, **Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008, para 32**). It-tmexxija tal-proceduri tibqa' f'idejn il-Qorti (**Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Frar 2009, para 22**). "*Kif gie deciz diversi drabi mill-Qorti Ewropeja "An applicant in principle cannot have it held against him that he has made full use of the procedures available to him under domestic law to pursue his defence". Inoltre "an accused person may not be required to co-operate actively in expediting the proceedings which lead to his own conviction". "A party to proceedings can also not be blamed for making use of his right to bring an appeal" Eckle A.51 (1982).*" (**George Xuereb vs L-Avukat Ġenerali**, **Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali, 28 ta' Jannar 2005; ara wkoll QEDB, Moiseyev vs Russia, QEDB, 9 t'Ottubru 2008, § 192, Veliyev vs Russia, QEDB, 24 ta' Ġunju 2010**).

**22.** Ġie stabbilit iżda li tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-imputat għad-dewmien kawżat, "*ma ... tnaqqas xejn mir-responsabilità kontributorja tal-atturi stess illi għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom*

*dovut*" (**Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

**23.** Il-QEDB tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (**Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain**, **QEDB, 7 ta' Lulju 1989, § 35**).

**24.** Il-QEDB żammet lill-imputat responsabbli għad-dewmien biss f'każijiet fejn din in-nuqqas ta' diliġenza u l-malafede tiegħu joħroġ manifest: eżempju meta ħareġ evidenti mill-inkartament tal-każ li l-intenzjoni tal-imputat kienet li jdewwem l-investigazzjoni (**I.A. v. France, QEDB, 23 ta' Settembru 1998, § 121** – l-imputat, inter alia, qagħad jistenna li jkun infurmat li t-trażmissjoni tal-inkartament lill-prosekutur pubbliku kienet imminenti qabel ma ddeċieda jitlob numru ta' miżuri investigattivi addizzjonali) jew meta l-imputata istitwiet azzjonijiet bla bażi, m'attendietx għas-smiegħ tal-proċeduri mingħajr ġustifikazzjoni, wriet nuqqas ta' koordinazzjoni mar-rappreżentant legali tagħha u rrifjutat it-tielet eżami psikjatriku tagħha (**Proszak v. Poland**, **QEDB, 16 ta' Diċembru 1997; ara wkoll Dosta v. Czech Republic, QEDB, 25 ta' Mejju 2004, § 209**) jew meta l-imputat istitwixxa numru kbir ta' rikorsi u appelli kemm għar-rilaxx kif ukoll għal *challenge* kontra ħafna mill-imħallfin ikkonċernati u għat-trasferiment tal-proċedimenti għal ġurisdizzjonijiet differenti (**Ringeisen v. Austria** ċitata supra § 110).

**25.** Ġie stabbilit ukoll li l-imputat huwa prekluż milli jilmenta fuq tul mhux raġjonevoli li matulu kien maħrub mill-ġurisdizzjoni, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi jew f'każ ta' *force majeur* (**Vayiç v. Turkey, QEDB, 20 ta' Ġunju 2006 § 44; Sari v. Turkey ċitata supra**).

Il-kondotta tal-awtoritajiet relevanti

**26.** L-artikolu 6 jimponi fuq l-Istati kontraenti d-dover li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom u jforni lilhom riżorsi biżżejjed sabiex jippermettu lill-qrati tagħhhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mposti fl-artikolu 6 u b'hekk ma jkunx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri (**Abdoella v. the Netherlands, QEDB, 25 ta' Novembru 1992, § 24; Dobbertin v. France ġia ċitata § 44; Zimmermann and Steiner vs Switzerland, QEDB, 13 ta' Lulju 1983, § 29; Guincho vs Portugal, QEDB, 10 ta' Lulju 1984**).

**27.** Kif sewwa rriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et, 11 ta' Awwissu 2003**,

"*Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa' l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x' aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f' xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu,*

*izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

***Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja****. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: "…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994) – (ara A.P. vs*

*Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**28.** Ġie madanakollu stabbilit li "*Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (QEDB, Buchholz vs Il-Ġermanja, Nru 7759/77, 6 ta' Mejju 1981, paragrafu 49. Ara wkoll QEDB, Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Pereżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (QEDB, Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (QEDB, Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31).* [Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (**Tychko v. Russja**, **§ 68; ara wkoll Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**). L-istess huwa l-każ għad-dewmin kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: "*minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li gew mahtura tul is-snin f'dawn il-kawzi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess. Kif spiss sahqu l-qrati taghna, fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw millprocess gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi*

*zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (PA Joseph Gatt et v. L-intimat, 29/07/2013 [deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014)*" (**Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013**).

**29.** Ġie stabbilit min-naħa l-oħra li l-qrati nazzjonali ma jistgħux jiġu akkużati għal dewmien sostanzjali ikkawżat mill-istat ta' saħħa ta' applikant (**Yaikov v. Russja**, § 76)]. *Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew" (***QEDB, Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58***).* *Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta' każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal (QEDB, Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64). L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati (498 QEDB, Martins Moreira vs Il-Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60.) ... Xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (*QEDB, *Probstmeier vs Il-Ġermanja,* Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64*). Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu 18). Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (QEDB, Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, Nru*

*8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu 29). L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti.*" (**Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta' din il-Qorti)**

**30.** Il-QEDB tqies dewmien f'xi stadju tal-proċedimenti kkawżat mill-kondotta tal-awtoritajiet relevanti bħala aċċettabbli biss meta t-tul tal-proċedimenti fit-totalitá tagħhom ma jkunx eċċessiv (ara, per eżempju, **Pretto et vs l-Italja, 8 ta' Diċembru 1983 , § 37, Serje A nru 71**). Eżempju fil-kawża **Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda. u Oħrajn vs Potugal** ċitata supra il-QEDB sabiet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-EHCR minħabba li l-istennija min-naħa tal-qrati nazzjonali għall-eżitu ta' proċedimenti simili, għalkemm dan jista' jitqies bħala raġonevoli ai fini ta' effiċjenza proċedurali, ma kienx proporzjonat u żamm lill-akkużat fi stat fit-tul ta' inċertezza.

<u>X'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta</u>

**31.** Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw priojoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa. Per eżempju, jekk l-imputat qed jinżamm taħt detenzjoni, ikun jeħtieġ 'diliġenza speċjali' minn naħa tal-awtoritajiet sabiex jitħaffu iktar il-proċeduri (**Jabłoński vs Poland, QEDB, 21 ta' ta' Diċembru 2000, § 102.** Ara wkoll **Chudun vs Russia, QEDB, 21 ta' Ġunju 2011, § 112**). Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-

tul tal-proċeduri (**Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71**). Ġie stabbilit madankollu li, l-fatt stess li l-applikant huwa persuna pubblika u li l-każ ġibed attenzjoni sinifikanti mill-midja, fih innifsu ma jiġġustifikax deċiżjoni li l-każ kien jistħoqqlu trattament ta' prijorità (**Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 103**).

**32.** Każijiet oħra fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

1. fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (***X vs France***, **QEDB, 31 ta' Marzu 1992, § 45**);

2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (**Hokkanen vs Finland**, **QEDB, 23 ta' Settembru 1994, § 72**) jew rimozzjoni illeċta ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (**Hoholm vs Slovakia**, **QEDB, 13 ta' ta' Jannar 2015, § 51**);

3. proċeduri sabiex jiġi determinat kumpens għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku (**Martins Moreira vs Portugal**, **QEDB, 26 ta' Ottubru 1988**);

4. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' mpjieg (**Vocaturo vs Italy**, **QEDB, 24 ta' Mejju 1991, § 17; Bauer vs Slovenia**, **QEDB, 9 ta' Marzu 2006, § 19**)

5. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (**Mikulić vs Croatia**, **QEDB, 7 ta' Frar 2002**).

__Konsiderazzjonijiet__

**33.** Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu, din il-Qorti sejra tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Konvenut Kummissarju tal-Pulizija li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u li għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju (ara eċċezzjoni a' fol 45).

**34.** Fuq din il-kwistjoni, l-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et datata 11 ta' Awwissu 2003,** rriteniet dan li ġej:

"*Bl-ewwel aggravju, l-appellanti, isostnu, inter alia, li l-Ewwel Qorti:*

*"… ma tatx motivazzjoni guridikament sostenibbli ghac-cahda taghha ta' l-eccezzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija m' ghandux ikun legittimu kontradittur f' din il-kawza."*

*L-appellat, fir-risposta ta' l-appell tieghu wiegeb li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-prosekutur fil-Qorti ta' l-ewwel grad u ghaldaqstant huwa ghandu jkun parti minn dan il-process sabiex iwiegeb ghan-nuqqasijiet tieghu f' dak il-grad procedurali.*

*Kif jirrizulta minn paragrafu 6 supra l-appellanti invokaw raguni specifika fuq liema kienu qieghdin jibbazaw din l-eccezzjoni taghhom. L-Ewwel Onorabbli Qorti qieset din l-eccezzjoni, hekk kif giet formulata, u sabet li ma tistax*

*takkoljiha ghar-raguni li l-kawza kienet tikkoncerna wkoll il-proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn il-prosekuzjoni titmexxa mill-Pulizija.*

*Nonostante li r-razjocinju ta' l-Ewwel Qorti fih certa logicita`, pero` jidher car li f' dan il-kaz, kellha tigi applikata d-dispozizzjoni kontenuta fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181B tal-Kodici t' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li tghid hekk:*

*"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f' dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba li n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

*Din id-dispozizzjoni giet invokata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom. Din il-Qorti sejra tilqa' l-appell, in kwantu jirrigwarda din l-eccezzjoni preliminari, b' applikazzjoni ta' l-imsemmija dispozizzjoni, u mhux ghall-motivazzjoni li biha l-appellanti originarjament ifformulaw l-istess eccezzjoni taghhom. L-Avukat Generali huwa, wahdu, il-legittmu kontradittur f' din il-kawza, u jsegwi ghalhekk, li l-appellant Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*"

**35.** Din il-Qorti sejra bl-istess mod u għall-istess raġunijiet tilqa' din l-eċċezzjoni u għalhekk tgħaddi issa biex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali b'applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali stabbiliti u delinjati aktar il-fuq f'din is-sentenza.

**36.** Għalkemm ir-rikorrenti ddeċida jikklassifika l-ilment tiegħu f'erba' oqsma separati, il-Qorti sejra tikkunsidra dawn l-oqsma kollettivament u mhux

separatament. Dan fid-dawl tal-insenjament fuq espost li r-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" f'kull stadju tal-kawża, inkluż dak tal-appell (ara **Anton Camilleri vs Avukat Generali**; **König vs Germany** § 110; **Boddaert v. Belgium** § 36 u **Deumeland vs Germany** § 90 gia ċitati supra).

**37.** Il-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien f'dawn il-proċeduri kriminali lmentati mir-rikorrenti bdew jiddekorru mill-mument li fih ir-rikorrenti ġie arrestat mil-Pulizija fl-**20 t'April 2004** flimkien ma ċerta Giovanna Pace u wlieda Marco u Joseph Pace a tenur tal-artikolu 24 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 (ara xhieda Spt Josric Mifsud a' fol 95 tal-kawża kriminali nru 323/04 Vol 1). Dan peress li kien f'dak il-mument li fih ġie arrestat li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti ġiet "sostanzjalment affettwata" (ara **Mamič v. Slovenia (no. 2)**§§ 23-24; **Liblik and Others v. Estonia** § 94; **Francis Said vs l-Avukat Ġenerali** tas-6 ta' Mejju 2009 u **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** kollha ġia ċitati supra).

**38.** Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli japplika għall-proċeduri kollha inkluż dawk quddiem Qorti tal-Appell (**König vs Germany,** § 98; **Delcourt v. Belgium** §§ 25-26; **V. v. the United Kingdom**, § 109 ċitati supra). Għalhekk iż-żmien rilevanti jibqa' jitkejjel sal-egħluq taż-żmien li fih seta sar appell mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2019 li biha l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeterminat u stabbilit l-akkuża tar-rikorrenti (ara fol 2475 fil-kawża numru 346/16 Vol 6), jiġifieri fis-**6 ta' Frar 2019** (ara artikolu 417 tal-

Kap. 9). Dan peress li f'dik id-data "*iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm*" (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** u **Neumeister vs Austria** *§* 19 ċitati supra).

**39.** Jirriżulta għalhekk li r-rikorrenti dam fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrih mill-20 ta'April 2004 sas-6 ta' Frar 2019, jiġifieri għal erbgħatax -il sena, disa' xhur u sbatax -il ġurnata.

**40.** Huwa veru li l-Qorti Ewropea ma preskrivitx terminu oġġettiv ta' żmien li kawża tista tieħu biex tiġi konkluża fiż-żmien raġjonevoli. Tabilħaqq, minflok ma għamlet dan, il-Qorti Ewropea stabbilit li l-kejl tar-raġjonevolezza taż-żmien għandu jities wara li jiġu applikati l-erba' kriterji (ġia fuq esposti) għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Minkejja dan, jirriżulta li fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-Qorti Ewropea u bl-istess mod mil-Qrati tagħna, dejjem sabu ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fil-każijiet kollha li damu iktar min tmien snin biex jiġu konklużi: "*in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*" (Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228)" (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** ċitata supra).

**41.** Fir-realtá huwa tabilħaqq sens komun li ebda waħda mill-erba' kriterji msemmija ma jistgħu jiġġustifikaw dewmien ta' l-fuq min tmin snin jew iktar fi proċeduri kriminali. Żmien oltre dan it-terminu huwa bla dubju inordinatament twil u in eċċess ta' dak raġjonevolment meħtieġ sabiex il-ġustizzja tiġi

amministrata b'mod tajjeb u xieraq a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**42.** Din il-Qorti għalhekk tqis li każ kriminali li qabeż dan it-terminu sabiex jiġ konkluż għandu mill-ewwel jiġi dikjarat bħala leżiv tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli taħt l-imsemmija artikoli tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni. Iżda l-erba' kriterji stabbiliti mill-Qorti Ewropea għandhom xorta jiġu applikati għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in kwistjoni. Dan sabiex tiġi stabbilita l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà ta' dan id-dewmien u, flimkien mill-bqija tal-kriterji l-oħra stabbiliti mill-Qrati nostrali, l-ammont ta' kumpens xieraq bħala rimedju effettiv.

**43.** Din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' l-ewwel u t-tieni talba safejn jirrigwardaw dikjarazzjoni għal-leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu 6(1) u u 39(1) tal-Kosituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament u sejra tgħaddi biex tiddetermina min huwa responsabbli għal dan id-dewmien.

**44.** B'ordni tal-Avukat Ġenerali mogħtija bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 (ara fol 13), ir-rikorrenti tressaq b'imputat, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja fit-22 t'April 2004, flimkien mal-ko-imputati l-oħra Giovanna, Joseph u Marco Pace sabiex din ittemm il-kumpilazzjoni ai termini tal-artikolu 27 tal-istess Kap. 101.

**45.** Ir-rikorrenti ġie hemm akkużat li pprokura, forna, biegħ u/jew traffika kif ukoll kellhu fil-pussess iżda mhux għall-użu esklussiv tiegħu d-droga eroina,

kokajina u raża tal-cannabis bi ksur ta' l-imsemmi Kap. 101, u li sar riċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fid-29 ta' Lulju 2002 (ara akkuża fol 1, ibid).

**46.** Dik inhar il-Maġistrat Istrittur fil-preżentata laqa' t-talba tal-prosekuzzjoni a tenur ta' l-artikolu 22(A)(1) tal-Kap. 101 u ordnat l-iffriżar tal-flejjes u l-proprjetá mobbli u immobbli li jappartjenu lir-rikorrenti (ara verbal fol 9, ibid u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern a' fol 302, ibid, vol 2). Dik inhar ukoll id-difiża talbet il-ħelsien mill-arrest tal-imputati kollha inkluż għalhekk ir-rikorrenti. Iżda fuq oppożizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali (ara nota konġunta a' fol 27), ċaħdet it-talba b'digriet tas-26 ta' April 2004 (fol 33).

**47.** Il-Kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta' Mejju 2004 (ara verbal a' fol 220). Dik inhar il-Qorti illiberat lil Joseph Pace u għal bqija tal-imputati ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed biex dawn jitqiegħdu taħt att ta' akkuża (ara digriet fol 287). Fuq talba tad-difiża, il-Qorti tgħat lil dawn l-imputati, inkluż għalhekk lir-rikorrenti, il-ħelsien mill-arrest taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet kontenuti fid-digriet tagħha tal-libertá provviżorja. Iżda fid-digriet tagħha l-Qorti tat lir-rikorrenti l-ħelsien mill-arrest taħt l-obbligazzjoni, fost oħrajn, li jibqa' d-dar taħt arrest domiċiljari u joħroġ biss "biex jattendi l-Qorti jew għal xi raġuni medika però mhux qabel ma jkun avża lill-uffiċjal prosekutur" (a' fol 282). Il-Qorti mbagħad irrinvijat l-atti lill-Avukat Ġenerali.

**48.** Ir-rikorrenti preżenta żewġ rikorsi għal modifika ta' din il-kundizzjoni sabiex ikun f'qagħda li jista' jmur għax-xogħol li jibda fis-7 ta' fil-għodu u jispiċċa

fis-7 ta' fil-għaxija: wieħed fl-1 ta' Settembru 2004 (fol 312) li l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoniji tiegħu peress li ġie preżentat tardivament, (ara digriet a' fol 314) u l-ieħor fl-14 ta' Ottubru 2004 (fol 331). Permezz ta' digriet datat 22 ta' Ottubru 2004 (fol 335), il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat lir-rikorrenti joħroġ mid-dar nofs siegħa qabel ma jibda x-xogħol, jiġifieri fis-6.30 ta' filgħodu, u jirritorna d-dar siegħa wara li jispiċċa mix-xogħol, jiġifieri fit-8 ta' filgħaxija, kif ukoll li jiffirma l-għassa ta' Ħal Qormi kuljum.

<u>Ir-rikorrenti għalhekk dam taħt arrest domiċiljari mit-12 ta' Mejju 2004 sat-22 ta' Ottubru 2004, jiġifieri ħames xhur u għaxart ijiem.</u>

**49.** Matul il-kors tal-kawża ir-rikorrenti preżenta diverżi rikorsi għall-estenzjoni u/jew tneħħija tal-kundizzjoni tar-rinkażar. Huwa beda jagħmel dan madwar <u>sena wara</u> bil-preżentata ta' żewġ rikorsi fid-29 ta' Novembru 2005 (a' fol 417) u fis-16 t'April 2006 (fol 438) sabiex fit-3 ta' Diċembru 2005 u fl-20 ta' Mejju 2006 rispettivament jiġi estiż il-ħin tar-rinkażar sa nofs il-lejl ħalli jattendi għat-tieġ tan-neputija tas-sieħba tiegħu u tal-kuġina tiegħu rispettivament. L-ewwel rikors ġie miċħud b'digriet tad-29 ta' Novembru 2005 (a' fol 419) filwaqt li l-ieħor, għalkemm oppost mill-Avukat Ġenerali (ara risposta fol 440), ġie milqugħ (ara verbal 5 ta' Mejju 2006 a' fol 441). <u>Sena wara</u>, ir-rikorrenti mbagħad preżenta rikors ieħor fis-17 ta' Mejju 2007, sabiex "*wara 'il fuq minn tlett snin li ilu għaddej dan il-każ, il-ħinjiet tar-rinkażar tiegħu jiġu vrjati fis-sens li jiġu estiżi mqarr sal-1000p.m., anke sabiex ikun jista', issa li ġej is-sajf, joħroġ lit-tfal minuri tiegħu*". Minkejja l-oppożizzjoni tal-Avukat Ġenerali (ara risposta a' fol 515), il-Qorti laqgħet it-talba b'digriet tat-22 ta' Mejju 2007 (a fol 516) u

naqset il-ħin tar-rinkażar għal sagħtejn u nofs oħra billi awtorizzat lir-rikorrenti jirrinkaża sa mhux aktar tard mill-10.30p.m.. Madwar sena u għaxar xhur wara, ir-rikorrenti talab permezz ta' rikors ieħor tas-17 ta' Marzu 2009 (a' fol 659) li jitneħħa l-ħin tar-rinkażar fl-isfond tal-fatt "*Illi dan il-każ ilu għaddej kważi ħames snin u l-esponenti dejjem osserva l-kondizzjonijiet imposti fuqu minn din l-Onorabbli Qorti*" u "*biex iun jista' jiftaħ ħanut, kif ukoll ikollu ħin joġroġ mal-familja, speċjalment li ġej is-sajf, u li għadda tant żmien mindu ġie akkużat.*" L-Avukat Ġenerali reġa oppona taħt is-soltu raġuni li "*ċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti ma inbidlux*". Fuq din l-oppożizzjoni l-Qorti, issa diverżament komposta, ċaħdet it-talba b'digriet tal-20 ta' Marzu 2009 (a fol 662).

**50.** Ftit iktar minn disa' xhur wara permezz ta' rikors ieħor tal-5 ta' Jannar 2010 (a' fol 816), ir-rikorrenti reġa talab sabiex il-kondizzjoni tar-rinkażar titneħħa kompletament jew inkella li tiġi estiża b'mod ampju in vista tar-raġunijiet segwenti: "*Illi f'dan il-perjodu ta' tmien snin, l-esponenti dejjem obda skrupolożament l-ordnijiet kollha mposti fuqu; Illi din il-kawża tinstab fl-egħluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u huwa mistenni li fil-futur qarib l-Avukat Ġenerali jagħżel il-Qorti kompetenti li ser tiġġudika dan il-każ; Illi l-esponenti qatt ma nġieb quddiem Qorti sabiex jew jwieħeb għad-delitt tal-ksur tal-bail conditions u lanqas qatt ma nġieb sabiex jwieġeb għal talba tal-prosekuzzjoni sabiex huwa jitlef dan il-benefiċċju stante li huwa ma huwiex persuna affidabbli; ...ma teżisti l-ebda raġuni valida fil-liġi li a bażi tagħha, għandha tibqa mposta fuq l-esponenti l-kondizzjoni tar-rinkażar;*". Minkejja dawn il-bidliet kollha taċ-ċirkostanzi elenkati mir-rikorrenti stess f'dan ir-rikors, l-Avukat Ġenerali reġa

oppona bl-istess sentenza li "*ċ-ċirkostanzi tar-rikorrent ma inbidlux*" (ara risposta a' fol 818).

**51.** Minhabba din l-oppożizzjoni tal-Avukat Ġenerali, l-Qorti reġgħet ċaħdet it-talba (ara digriet tas-7 ta' Jannar 2010 a' fol 819). Ir-rikorrenti b'rikors ieħor tat-12 ta' Jannar 2010 (a' fol 820) reġa elenka l-istess bidliet taċ-ċirkostanzi li verament kienu jimmeritaw it-tneħħija/estensjoni tal-kundizzjoni tar-rinkażar u talab li l-konsulent legali tiegħu jagħmel xi sottomissjonijiet in sostenn ta' din it-talba. L-Avukat Ġenerali baqa' jopponi bl-istess raġuni "*illi kif ġie indikat preċedentement iċ-ċirkostanzi tar-rikorrent ma inbidlux*". Iżda wara li ġie trattat ir-rikors tar-rikorrenti fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2010 (ara verbal fol 56), il-Qorti għarfet tvarja d-digriet preċedenti u estendiet il-ħin tar-rinkażar tar-rikorrenti għal-nofsillejl (ara digriet tal-14 ta' Jannar 2010 a' fol 857).

**52.** Ir-rikorrenti reġa preżenta rikors <u>ħames xhur wara</u> (a' fol 1069) sabiex il-kondizzjoni tar-rinkażar titneħħa kompletament jew tal-anqas li l-obbligu tal-iffirmar ma jibqax ristrett bil-kondizzjoni tal-ħin. L-Avukat Ġenerali oġġezzjona għal dan ir-rikors fuq ir-raġuni li "*ma jidhirx li hemm xi raġuni mpellenti li timmilita favur li jinbiddlu l-kondizzjonijiet ta' l-imputat*" (ara risposta a' fol 1071). Fid-dawl ta' din l-oppożizzjoni, l-Qorti ċaħdet it-talba b'digriet tat-28 ta' Ġunju 2010 (a' fol 1072).

**53.** B'rikors ieħor preżentat <u>kważi sena</u> wara fl-20 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti reġa talab li jiġi awtorizzat ili jirrinkaza ruħu sa mhux aktar tard mis-2 ta' filgħodu inter alia għar raġunijiet li "*jekk ikun hemm xi tieġ, jew avvenimenti oħra familjari*

*jkun jista' jattendi b'serħan il-moħħ mingħajr l-inkwiet illi jrid jitlaq kmieni min fejn ikun sabiex jirrinkaża u jossera l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest;...il-proċeduri waslu fi stadju avvanzat ħafna b'dan li ma għadx hemm lok li wieħed jinkwieta li l-esponenti ser jinterferixxi max-xhieda jew jintralċja l-kors tal-ġustizzja. Di più huwa għandu rabtiet solidi ma' Malta stante li huwa Malti u għandu familjia u xogħol ġewwa Malta stess u għalhekk lanqas hemm il-biża li jitlaq jew jaħrab minn Malta...li ma hemmx biża' reali li l-esponenti mhux ser jottempra ruħu mal-linji gwida imsemmija fl-artikolu 575*". Iżda l-Qorti reġgħet straħet fuq l-oppożizzjoni tal-Avukat Ġenerali (ara risposta a' fol 1274) u reġgħet ċaħdet it-talba b'dirgriet tat-23 ta' Mejju 2011 (fol 1275).

**54.** Sussegwentement b'rikors preżentat ftit jiem wara fl-10 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti talab sabiex tkun sospiża l-kondizzjoni tar-rinkażar bejn il-lejl tat-18 u 19 ta' Ġunju 2011 previa tieġ li fih it-tifla tiegħu kienet se tkun flower girl (fol 1276). L-Avukat Ġenerali oġġezzjona għas-sospiża tar-rinkażar iżda ma sabx oġġezzjoni favur estensjoni tal-ħin li fih ikun jista' jibqa' barra dakinhar (ara risposta a' fol 1279). Il-Qorti b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2011 (fol 1280) awtorizzat lir-rikorrenti jirrinkaża mhux aktar tard mis-2 ta' filgħodu tad-19 ta' Ġunju 2011. B'rikors ieħor preżentat <u>kważi erbgħa snin wara</u> fil-11 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti reġa talab lil-Qorti tneħħi l-kondizzjoni tar-rinkażar u tirriduċi l-ammont ta' depositu għar-raġuni li "*ma fadal l-ebda raġuni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt li a bażi tagħha din il-kundizzjoni għandha tibqa hekk imposta. Illi huwa magħruf kif huma bosta l-persuni li għandhom dawn it-tip ta' akkużi u proċeduri aktar serji tenut kont l-ammonti allegatament involuti u li ma għandhomx il-kodnizzjoni*

*ta' rinkażar...*". Iżda l-Avukat Ġenerali, filwaqt li ma opponiex li jitnaqqas id-depożitu, xorta baqa' jinsisti fl-oppożizzjoni tiegħu għat-talba tar-rikorrenti li jitneħħa r-rinkażar, din id-darba għaliex skontu "*l-ħinijiet kif inhuma llum (00:00-6:30am) huma raġjonevolissimi fiċ-ċirkostanzi*" (ara risposta a' fol 1712). Fuq din l-oppożizzjoni il-Qorti reġgħet b'digriet tal-24 ta' Frar 2015, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għat-tneħħija tar-rinkażar u laqħget it-talba għar-riduzzjoni fl-ammont tad-depożitu (ara fol 1713). Iżda permezz ta' rikors ieħor preżentat dik inhar stess li ingħata dan l-aħħar digriet tal-24 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti baqa jinsisti għat-tneħħija tal-kondizzjoni tar-rinkażar b'mod komplet għar-raġunijiet li "*tul dawn il-proċeduri l-esponenti dejjem obda l-kondizzjonijiet kollha mposti fuqu – turija ta' dan huwa l-fatt li l-esponenti QATT ma tressaq bi ksur ta' vjolazzjoni tal-ħelsien mill-arrest; Illi l-esponenti kawżi oħra pendenti l-qorti ma għandux. Illi tul dan iż-żmien kollu l-esponenti dejjem kellu fuqu l-kondizzjoni tar-rinkażar. L-passat juri u prova tal-affidabilitá tal-esponenti. Għandu jiġi mfakkar l-ammont tal-pleġġ, kif ukoll il-garanzija personali li għandu mdendlin fuqu l-esponenti, [li flimkien jammontaw għal aktar minn 40,000.00 Euro], ċertament huma raġuni aktar milli valida li a bażi tagħha tiggarantixxi, kif del resto sar dan l-aħħar snin li l-esponenti jibqa' miexi dritt mal-liġi. Ma huwiex mifhum għalfejn għandha tibqa in vigore f'dawn iċ-ċirkostanzi l-kondizzjoni tar-rinkażar fil-ħinijiet ta' bejn nofs il-lejl u s-6.30 – la hemm bażi legali u wisq anqas waħda fattwali*". Għal dan ir-rikors l-Avukat Ġenerali ma rrispondiex entro t-terminu mogħti lilu bir-riżultat li l-Qorti, b'digriet tat-30 t'April 2015 (fol 1716) laqgħet it-talba u naqset sagħtejn oħra mill-kundizzjoni tar-rinkażar billi awtorizzat lir-rikorrenti jirrinkaża fis-2am u joħroġ mid-dar fis-6.30am. L-Avukat

Ġenerali umbagħad irregistra fil-5 ta' Mejju 2015 nota tardiva (a' fol 1717) fejn informa l-Qorti li huwa ma jopponix għat-talba tar-rikorrenti. L-Avukat Ġenerali għaraf ma jopponix ukoll għat-talba sussegwenti tar-rikorrenti magħmula sena wara b'rikors tat-13 ta' Mejju 2016 (a' fol 1795) għat-tneħħija jew estenzjoni ampja tal-kundizzjoni tar-rinkażar (ara risposta a' fol 1798). Konsegwentement il-Qorti laqgħet it-talba b'digriet tal-25 ta' Mejju 2016. Isegwi għalhekk li, minkejja dawn it-tentattivi kollha min-naħa tar-rikorrenti sabiex ma jibqax marbut b'din il-kondizzjoni tar-rinkażar, huwa kellu jibqa' sottomess għal din il-kundizzjoni għal żmien li jkopri t-22 ta' Ottubru 2004 (meta ġiet imposta fuqu din il-kundizzjoni) sal-25 ta' Mejju 2016 (meta din il-kundizzjoni ġiet effettivament imneħħija), jiġifieri għal ħdax -il sena, seba' xhur u tlett ijiem.

**55.** Minn naħa l-oħra l-ordni tal-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti mogħtija fit-22 t'April 2004 ġiet biss revokata b'digriet tal-1 ta' Marzu 2019 (fol 2503, kawża numru 346/16, Vol 6) fuq talba tar-rikorrenti b'rikors preżentat fis-27 ta' Frar 2019 (ara fol 2502, ibid) wara li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu ġew konklużi bis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2019 (ara fol 2475). Din l-ordni għalhekk baqgħet viġenti fil-konfront tar-rikorrenti matul il-kors kollu tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti.

**56.** L-iffriżar tal-assi u d-detenzjoni tar-rikorrenti segwita bl-arrest domiċiljari umbagħad ħelsien mill-arrest taħt il-kundizzjoni tar-rinkażar, huma fatturi li kienu jinneċessitaw 'diliġenza speċjali' min naħa tal-awtoritajiet sabiex jassiguraw li l-proċeduri kriminali jiġu ndirizzati b'iżjed ħeffa (**Jabłoński vs Poland**, § 102; **Chudun vs Russia** § 112 ġia ċitati supra). Dan speċjalment

min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija bħala l-awtoritá nnifisha li talbet għall-ordni tal-iffriżar u mill-Avukat Ġenerali li għal ħdax -il sena sħaħ konsistentement fittex li jinsisti fl-oppożizzjoni tiegħu għal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti umbagħad għal varjazzjoni tal-kondizzjoni tar-rinkażar. Iżda minflok ma mexxa l-każ b'din id-diliġenza speċjali, l-Avukat Ġenerali kien fil-fatt il-kaġun ta' dan id-dewmien kollu fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti.

**57.** Sa mill-ewwel nota, l-Avukat Ġenerali iddeċieda juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap. 9 sabiex minflok jitlob lil Qorti tagħmel mistoqsijiet oħra lix-xhieda li jkunu ġa nstemgħu jew li jindika xhieda ġodda skont l-artikolu imsemmi, jitlob lil Pulizija jgħid fid-dettal xi provi fadal u jitlob l-Qorti li tinstema kull prova li ġġib il-pulizija. Dan meta, a tenur tal-istess artikolu dan l-obbligu kien filfatt jaqa fuqu u mhux fuq il-Pulizija (ara rinviji 15 ta' Ġunju 2004 a' fol 307, 3 ta' Awwissu 2004 a' fol 311, 4 ta' Ottubru 2004 a' fol 326, 19 ta' Novembru 2004 a' fol 362, 30 ta' Diċembru 2004 a' fol 366, 17 ta' Frar 2005 a' fol 374, 6 ta' April 2005 a' fol 389, 18 ta' Mejju 2005 a' fol 393, 4 ta' Lulju 2005 a' fol 403, 10 ta' Awwissu 2005 a' fol 407, 14 ta' Settembru 2005 a' fol 410, 2 ta' Novembru 2005 a' fol 414, 5 ta' Diċembru 2005 a' fol 420 u 11 ta' Jannar 2006). Fir-rinviji tiegħu, l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti li l-Qorti tisma kull prova oħra li ġġib il-Pulizija u li l-uffiċjal prosekutur jgħid dettaljatament xi provi fadal (apparti li jinstemgħu xhieda li kienu ġia xehedu) <u>anke wara li l-Pulizija eżawriet il-provi tagħha u ddikjarat, għal iktar minn darba, li għalqet il-provi</u> (ara verbal tat-3 ta' Frar 2006 a' fol 424 u rinviju sussegwenti tat-3 ta' Marzu 2006 a' fol 429, verbal tas-17 ta' Marzu 2006 a' fol 430 u rinviji sussegwenti tal-11 ta' April

2006 a' fol 436, 26 ta' Mejju 2006 a' fol 443, 12 ta' Lulju 2006 a' fol 446, 22 ta' Awwissu 2006 a' fol 453, 27 ta' Settembru 2006 a' fol 456, 29 ta' Novembru 2006 a' fol 463, 9 ta' Jannar 2007 a' fol 473 u verbal tad-19 ta' Jannar 2007 a' fol 479 fejn il-prosekuzzjoni għat-tielet darba reġgħet iddikjarat li m'għandhiex provi aktar x'tipproduċi).

**58.** Mir-rinviju tas-16 ta' Frar 2007 (fol 481) l-hemm umbagħad, l-Avukat Ġenerali iddeċida li jibda jitlob għal ċertifikat mediku ta' WPS 45 rigward ferita kawżata b'gidma f'kuxtejha mill-ko-imputata Giovanna Pace fl-20 t'April 2004 "sabiex l-istess ferita tiġi kklassifikata bħala gravi" u li terġa tinstema lill-istess WPS 45 għalkemm din kienet diġa xehedet fit-12 ta' Mejju 2004 (ara xhieda a' fol 238) kif ukoll li tiġi esebita l-karta tal-identitá ta' Giovanna Pace. Dan apparti li jibqa' jinsisti b'mod mill-iktar stramb li l-Qorti tisma kull prova oħra li ġġib il-Pulizija u li l-uffiċjal prosekutur jgħid fadalx provi aktar (ara rinviji tat-3 ta' April 2007 fol 500, 21 ta' Ġunju 2007 a' fol 530, 27 ta' Lulju 2007 ' fol 546, 17 ta' Settembru 2007 a' fol 552, 12 ta' Novembru 2007 a' fol 563, 24 ta' Diċembru 2007 a' fol 565, 12 ta' Frar 2008, a' fol 574, 26 ta' Marzu 2008 a' fol 592, 7 ta' Mejju 2008 a' fol 599, 24 ta' Ġunju 2008 a' fol 614, 19 ta' Awwissu 2008 a' fol 617, 1 ta' Ottubru 2008 a' fol 630, 6 ta' Novembru 2008 a' fol 635, 22 ta' Diċembru 2008 a' fol 641, 4 ta' Frar 2009 a' fol 651, 11 ta' Marzu 2009 a' fol 657, 11 ta' Ġunju 2009 a' fol 690 u 21 ta' Lulju 2009 a' fol 693). Din it-talba mill-Avukat Ġenerali, li kienet għal kollox estranea għall-akkuża tar-rikorrenti, saret għalhekk <u>tlett snin wara</u> li ġew istitwiti l-proċeduri kriminali.

**59.** Il-Pulizija min naħa tagħha ħadet sentejn u ħames xhur biex tagħmel dak hekk mitlub mill-Avukat Ġenerali (mill-ewwel rinviju tas-16 ta' Frar 2007 sa' l-verbal tal-24 ta' Lulju 2009 fejn Dr. Mario Scerri ippreżenta r-rapport tiegħu rigward iċ-ċertifikat in kwistjoni). Dan minħabba li kellu jiġi stabbilit u rintraċat it-tabib li l-prosekuzzjoni ħasbet li ħareġ iċ-ċertifikat, umbagħad, peress li sar magħruf li dan ma kienx baqa jaħdem Malta, kellu jitħarrek rappreżentant mid-dipartiment tal-emerġenza li dan ma setgħax jattendi u s-Supretendent tal-Isptar Mater Dei li ma deherx għalkemm notifikat, umbagħad għax inbidel l-istess Supretendent li lanqas ma seta jattendi u s-segratarja tiegħu naqset ukoll li tidher f'diversi udjenzi, kif ukoll għaliex SM 45 kienet indisposta.

**60.** Dan ifisser li nħlew diverżi seduti wkoll minħabba li l-uffiċjal prosekutur nstab maqbud f'inkjesta jew impenjat f'xogħol urġenti f'Għawdex jew f'Qorti diverżament presjeduta jew sempliċiment indispost u għax inbidel l-istess uffiċjal prosekutur (ara verbali 2 ta' Marzu 2007 a' fol 482, 13/4/2007 a' fol 501, 18 ta' Mejju 2007 a' fol 511, 22 ta' Ġunju 2004 a' fol 531, 12 ta' Ottubru 2007 a' fol 553, 16 ta' Novembru 2007, 30 ta' Novembru 2007 a' fol 562, 11/1/2008 a' fol 566, 22 ta' Frar 2008 a' fol 575, verbal 4 ta' April 2008 a' fol 593, 16 ta' Mejju 2008 a' fol 600, 18 ta' Lulju 2008 a' fol 615, 23 ta' Awwissu 2008 a' fol 618, 9 ta' Ottubru 2008 a' fol 631, 21 ta' Novembru 2008 a' fol 636, 5 ta' Jannar 2009 a' fol 642 u 12 ta' Frar 2009 a' fol 652, 20 ta' Marzu 2009 a' fol 658, 30 t'April 2009 a' fol 677, 14 ta' Mejju 2009 a' fol 684, 22 ta' Ġunju 2009 a' fol 691, 24/7/2009 a' fol 694). Iżda agħar min hekk, meta fl-aħħar ġie stabbilit it-tabib li ħareġ dan iċ-ċertifikat u l-istess ġie prodott fl-atti, irriżulta li dan iċ-ċertifikat kien

diġa ingħata lill-Pulizija u li għalhekk kien diġa fil-pusses tal-Pulizija (ara xhieda tat-tabiba Mary Rose Cassar a' fol 687) u kif ukoll li l-feriti hemm indikati kif klassifikati mill-espert maħtur apposta kienu ta' natura ħafifa u mhux ta' natura gravi kif ħaseb l-Avukat Ġenerali u abbażi ta' xiex insista dan kollu biex jiġi prodott iċ-ċertifikat.

**61.** Iżda l-istorja ma waqfitx hawn. Meta fl-aħħar il-Pulizija hekk eżegwiet dak mitlub mill-Avukat Ġenerali u għaldaqstant reġgħet ddikjarat li m'għandhiex provi aktar (ara l-verbal a' fol 694), l-Avukat Ġenerali ħela r-rinviju li jmiss biex jibqa' ad nauseam jinsisti mal-uffiċċjal prosekutur li "*in vista tar-rapport ta' Dr. Mario Scerri, l-uffiċjal prosekutur jgħid għandux xi jżid mal-provi tiegħu u definittivament fadallux aktar provi*" kif ukoll li l-Qorti tisma' kull prova oħra li ġġib il-pulizija (ara rinviju tal-24 ta' Awwissu 2009 a' fol 737). Konsegwentement inħliet ukoll l-udjenza li tmiss fejn hemmhekk reġa ġie dikjarat mill-Uffiċjal Prosekutur Spettur Victor Aquilina li l-Prosekuzzjoni ma fadlilhiex aktar provi f'dan il-każ (ara verbal tal-25 ta' Awwissu 2009 a fol 738).

**62.** Mir-rinviju ta' wara, dak tal-24 ta' Settembru 2009 (fol 750), jiġifieri kważi ħames snin u nofs wara li ġew istitwi l-proċeduri kriminali odjerni, l-Avukat Ġenerali stenbaħ bil-ħtieġa li jiġu prodotti dokumenti u jinstemgħu x-xhieda hemm elenkati. Mir-rinviju tat-18 ta' Frar 2010 (fol 915), jiġifieri sena u ħames xhur wara r-rinviju tal-24 ta Settembru 2009, l-Avukat Ġenerali kompla jinstenbaħ bil-ħtieġa li jitlob għal iktar dokumenti u ħatra ta' espert biex janalizza t-tlett ċellulari eżebiti a' fol 98. F'dak ir-rinviju l-Avukat Ġenerali talab ukoll għax-xhieda tal-espert AIC Richard Aquilina minkejja li r-relazzjoni tiegħu m'għandha

x'taqsam xejn mal-proċeduri kriminali in mertu u ma kellu ebda nkarigu jew involviment f'l-istess proċeduri hekk kif iddikjara l-espert stess fix-xhieda tiegħu a' fol 1023.

**63.** Dan kollu apparti li dawn id-dokumenti, xhieda u eżebiti kienu kollha disponibbli sa mill-bidu tal-proċeduri kriminali u għalhekk ma kien hemm l-ebda ostaklu sabiex ix-xhieda, esperti u dokumenti hemm imsemmija jiġu prodotti u maħtura fil-bidu tal-istess proċeduri. F'dawn ir-rinviji l-Avukat Ġenerali baqa' jitlob ukoll li l-prosekuzzjoni tiddikjara definittivament xi provi għad fadlilha x'jinstemgħu u li l-Qorti tisma' kull prova oħra li l-Pulizija jidrilha xierqa li tressaq, minkejja li l-Pulizija ddikjarat diversi drabi li eżawriet il-provi tagħha (ara rinviji 9 ta' Novembru 2009 a' fol 762, 18 ta' Diċembru 2009 a' fol 814, 18 ta' Frar 2010 a' fol 915, 24 ta' Marzu 2010 a' fol 1009, 27 ta' April 2010 a' fol 1042, 14 ta' Ġunju 2010 a' fol 1061, 27 ta' Lulju 2010 a' fol 1074, 9 ta' Settembru 2010 a' fol 1145).

**64.** Il-Pulizija minn naħa tagħha ħadet 12-il udjenza li jkopru l-perjodu ta' madwar sena biex teżegwixxi dak rikjest fir-rinviji msemmija (verbal 2 ta' Ottubru 2009 a' fol 751, 13 ta' Novembru 2009 a' fol 763, 18 ta' Frar 2009 a' fol 813, 7 ta' Jannar 2010 a' fol 815, 13 ta' Jannar 2010, 26 ta' Frar 2010 a' fol 916, 29 ta' Marzu 2010 a' fol 1016, 12 ta' Mejju 2010 a' fol 1043, 24 ta' Ġunju 2010 a' fol 1062, 29 ta' Lulju 2010 a' fol 1075, 10 ta' Awwissu 2010 a' fol 1124, 23 ta' Settembru 2010 a' fol 1146). Meta lestiet minn dak mitlub minnha f'dawn ir-rinviji u invista tat-talba konsistenti tal-Avukat Ġenerali biex definittivament tiddikjara xi provi għad fadlilha minkejja li dan għamlitu kemm il-darba, il-Pulizija

reġgħet għal darb'ohra ddikjarat li "definittivament m'għandhiex aktar provi xi tessaq" (ara l-verbal a' fol 1146).

**65.** *Dulcis in fundo* l-Avukat Ġenerali xorta ma ħassux lest biex joħroġ l-Att ta' l-Akkuża. B'nota tar-rinviju tat-28 ta' Ottubru 2010 (a' fol 1180), l-Avukat Ġenerali talab lil-Qorti (apparti s-soltu talba biex tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra tal-Pulizija allavolja kienet ormai iktar milli ċara li l-Pulizija provi oħra ma kienetx se tressaq) li jinħatar espert sabiex jeżamina l-video casettes in atti, senjatament Dok JMX3 "*sabiex l-informazzjoni viżwali hemm kontenuta tkun tista tiġi protetetta mill-elementi taż-żmien*". Dok JMX3 kien diġa ilu eżebiet mill-Uffiċjal Prosekutur Josric Mifsud għal sitt snin u ħames xhur, preċiżament fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2004 (ara verbal fol 250).

**66.** Din it-talba deċiżament tardiva tal-Avukat Ġenerali ħadet erba' xhur oħra biex tiġi eżegwita (ara verbal ħatra tal-espert tad-29 ta' Ottubru 2010 a' fol 1181 u l-preżentata tar-relazzjoni tiegħu fil-verbal tal-4 ta' Marzu 2011 a' fol 1230). Jirriżulta li dan iż-żmien li nħela b'rabta ma din it-talba kien xorta kollu ta' xejn billi, apparti li kellha definittivament issir ferm qabel, il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza finali tagħha ddikjarat li ma setgħetx tanalizza din il-prova viżwali billi d-DVD li sar fuq inkarigu ta' dan l-espert kien difettuż (!) (ara sentenza a' fol 2495 tal-proċeduri numru 346/16).

**67.** Iċ-ċirasa tqegħdet fuq il-pudina (*pun not intended*) meta minkejja li fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2011 il-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat għall-enneżima darba li ma baqalix aktar provi xi tressaq hekk kif l-espert xehed u espleta l-

inkarigu tiegħu billi ppreżenta dan id-DVD, (ara verbal fol 1230), l-Avukat Ġenerali b'mod inkomprensibbli għall-aħħar reġa ddeċieda jaħli rinviju ieħor sabiex jitlob lil Qorti tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Pulizija jidhrilha xieraq li tressaq f'dan il-każ (ara rinviju tal-25 ta' April 2011 a' fol 1242). Konsegwentement reġgħet inħliet udjenza oħra fejn fiha l-Prosekuzzjoni għal darb' oħra ddikjarat li mgħandhiex provi oħra xi tressaq (ara vheral tat-13 ta' Mejju 2011 a' fol 1267).

Kien biss f'dan l-istadju, preċiżament fis-16 ta' Ġunju 2011, jiġifieri seba' snin u kważi xahrejn wara li nfetħu dawn il-proċeduri, li l-Avukat Ġenerali sa fl-aħħar ħareġ l-att ta' akkuża bin-numru 13/2011 (ara fol 1282).

**68.** F'din l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali akkuża lir-rikorrenti b'delitti tali li għalihom talab lil Qorti Kriminali jiġi kkundannat, inter alia, għal għomru l-ħabs biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni (ara fol 1284). Fil-11 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti preżenta nota ta' eċċezzjonijiet a tenur tal-artikolu 438(2) tal-Kap. 9 (ara fol 1314) li ġew trattati quddiem il-Qorti Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2011 (ara verbal a' fol 1353) u deċiżi fis-6 ta' Jannar 2012 (ara fol 1374). Ir-rikorrenti u l-ko-imputata Giovanna Pace appellaw min din is-Sentenza b'rikorsi separati preżentati fil-11 ta' Jannar 2012 (ir-rikors ta' Giovanna Pace jinstab a' fol 1418 filwaqt li tar-rikorrenti mhuwiex in atti). Dan l-Appell ġie trattat sena wara fil-31 ta' Jannar 2013 (ara verbal 1465) u deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013 (ara sentenza a' fol 1517). B'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appelli u ordnat li l-atti jiġu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali.

**69.** B'digriet tal-5 ta' Novembru 2013 (a' fol 1588) il-Qorti Kriminali qiegħdet il-kawża għas-smiegħ għas-17 ta' Frar 2014. Iżda b'rikors preżentat fl-20 ta' Novembru 2013 (a' fol 1601), ir-rikorrenti talab lil Qorti Kriminali tirrimanda l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) a tenur ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex jiġi determinat jekk id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali fil-Kap. 101 li jagħżel jekk akkużat ikollux il-kawża tiegħu deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew mill-Qroti Kriminali tilledix id-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din it-talba intlaqat b'digriet tas-26 ta' Novembru 2013 (ara fol 1613). L-istess għamlet il-ko-imputata Giovanna Pace (ara rikors a' fol 1615 u digriet a' fol 1629).

**70.** Dan ir-rikors ġie kkunsidrat mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-referenza numru 94/2013AE u deċiż fit-28 ta' Marzu 2014 (ara verbal a' fol 17 fl-atti ta' din ir-referenza). Fis-sentenza tagħha il-Qorti msemmija wieġbet għat-talba postulata fir-rikors tar-rikorrenti għar-referenza kostituzzjonali fl-affermattiv fis-sens li hemm ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni minħabba d-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 (ara sentenza fl-atti tal-proċeduri kriminali a' fol 1645). L-Avukat Ġenerali kien appella min din is-sentenza b'rikors preżentat fl- 10 ta' April 2014 (a' fol 26 fl-atti tar-referenza). L-Avukat Ġenerali iżda ma kienx baqalu aktar interess f'din ir-referenza billi kien laħaq ġie introdott l-artikolu 22(2A) (b) fil-Kap. 101 permezz tal-Att XXIV tal-2014 (ara verbal fl-atti tar-referenza a' fol 49). B'dan l-artikolu l-

akkużat ingħata lilu l-fakultá li jitlob b'rikors lil-Qorti Kriminali preżentat fit-termini hemm imposti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat wara li tkun semgħet lil akkużat u lill-Avukat Ġenerali.

**71.** Ir-rikorrenti fil-fatt ippreżenta dan ir-rikors a tenur tal-imsemmi artikolu 22(2A)(b) tal-Kap. 101 fil-15 ta' Settembru 2014 (ara fol 1661 fl-atti tal-proċeduri kriminali). Il-Qorti Kriminali lanqas biss kellha għalfejn tiddeċiedi dan ir-rikors u fil-fatt astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu (ara digrieti tas-6 ta' Novembru 2014 a' fol 1669). Dan peress li l-Avukat Ġenerali informha lill-istess Qorti li sejjer jippreżenta kontro ordni (ara verbal tat-3 ta' Ottubru 2014 a' fol 1670) kif fil-fatt ippreżentha fil-konfront tar-rikorrenti u anke taż-żewġ ko-imputati l-oħra fit-31 ta' Ottubru 2014 (a' fol 1690). B'din il-kontra ordni, l-Avukat Ġenerali ordna bis-saħħa tal-artikolu 31 tal-Kap. 101 li r-rikorrenti jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

**72.** Isegwi għalhekk li meta ħareġ l-Att tal-akkuża fil-konfront tar-rikorrenti li biha talab li jiġi kkundannat għal-għomor il-ħabs biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni, l-Avukat Ġenerali uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu taħt il-Kap. 101 ħażin. Dan bil-konsegwenza li nħela iktar minn tlett snin u erba' xhur oħra żmien min mindu ħareġ l-att tal-akkuża fis-16 ta' Ġunju 2011 sakemm hu stess ħareġ il-kontro ordni fil-31 ta' Ottubru 2014. Dan apparti l-ansjetá li bla dubju ħoloq lir-rikorrenti għal dan iż-żmien kollu min meta bl-att ta' akkuża dendillu fuq rasu l-possibiltá għal-kundanna ta' għomor il-ħabs u piena ta' reklużjoni.

**73.** Il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet appuntata għat-12 ta' Diċembru 2014 (ara avviż a' fol 1693). Dik inhar il-Qorti rrinvijat l-atti għand l-Avukat Ġenerali sabiex ikun f'qagħda li jibgħat l-artikoli. Dawn inħarġu fit-13 ta' Jannar 2015 (a' fol 1697). Ir-rikorrenti kien għalhekk f'qagħda li jipproduċi l-provi tiegħu fl-udjenza ta' wara, li kienet dik tas-27 ta' Marzu 2015 (ara verbal a' fol 1700). Sebgħa udjenzi wara, preċiżament dik tad-29 ta' April 2016, ċioe sena u xahar wara li l-kawża ġiet rimessa għal provi tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti talab li jressaq il-provi skont l-artikolu 8(2) u 13 tal-Kap. 537 sabiex umbagħad il-Qorti tkun tista tgħaddi biex tiddeċiedi a tenur tal-artikolu 8(1) tal-Kap. 537 u tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga (ara verbal a' fol 1792). Il-Qorti laqgħet it-talba b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2016 u konsegwentement ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju fis-sens li l-każ tar-rikorrenti Christopher Mazzitelli jipproċedi separatament mill-każ kontra Giovanna Pace fl-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 346/16 li ġew differiti għat-13 ta' Lulju 2016 (ara verbal tat-3 ta' Ġunju 2016 a' fol 1800 u digriet fl-atti tal-kumpilazzjoni nru 346/16 Volum 6 a' fol 2401).

**74.** Dawn il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti ġew konklużi sena u tlett xhur wara bis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017 (a' fol 2476 fl-atti numru 346/16). Permezz tagħha u għal raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti sabet lir-rikorrenti ħati biss ta' pussess sempliċi u tal-addebitu tar-reċidiva u għaddiet biex tikkunannah penali ta' mitt Ewro (€100), filwaqt li sabitu mhux ħati tal-bqija tal-imputazzjonijet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. L-ordni tal-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti ġiet sussegwentement

revokata b'digriet tal-1 ta' Marzu 2019 (fol 2503 u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern a' fol 2508, ibid) wara talba li saret mir-rikorrenti stess b'rikors preżentat fis-27 ta' Frar 2019 (ara fol 2502, ibid).

**75.** Joħroġ għalhekk li minn akkuża b'penali ta' għomor il-ħabs, ir-rikorrenti ġie liberat minn kull imputazzjoni dedotta kontrih ħlief għal dak ta' pussess sempliċi. Dan wara erbgħatax -il sena, disa' xhur u sbgħatax -il ġurnata. Joħroġ evidenti li dan id-dewmien ma nħoloqx għax il-każ kriminali kontra r-rikorrenti kien milqut b' xi kumplessitá. Anzi, l-fatti marbuta ma dan il-każ kienu sempliċi, kif tenniet il-Qorti Kriminali stess hi u tikkonsidra r-rikors tar-rikorrenti għal referenza kostituzzjonali (ara fol 1613).

**76.** Dan id-dewmien ġie kaġunat unikament mill-Avukat Ġenerali li ma mexxiex il-proċedura tar-rinviju b'mod għaqli, bid-debita attenzjoni, impenn u b'ko-ordinazzjoni bejnu u bejn il-Pulizija Eżekuttiva. Dan tant li, wara ben seba' snin u xahrejn li fihom qgħad ikaxkar saqajh u jinsisti b'ghebusija ta' ras mal-pulizija biex tippreżenta l-provi meta kienet diġa iddikjarat li eżawriet il-provi kollha tagħha f'iktar minn okkażjoni waħda, spiċċa uża d-diskrezzjoni tiegħu ħażin u flok ma bgħat l-artikoli, għadda biex joħroġ fil-konfront tar-rikorrenti att t'akkuża li biha talab li jiġi kkundannat għal-għomor il-ħabs biż-żieda tal-piena tar-reklużjoni. Dan bil-konsegwenza li nħela iktar minn tlett snin u erba' xhur oħra żmien sakemm ħareġ il-kontro ordni fil-31 ta' Otturbu 2014. Biex tkompli tgħaxxaq, l-Avukat Ġenerali baqa sal-5 ta' Mejju 2015 joġġezzjona għal kull talba tar-rikorrenti għal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti umbagħad għal varjazzjoni tal-kondizzjoni tar-rinkażar fuq nuqqas ta' bidla ta' ċirkostanzi, anka

wara li ħareġ il-kontro ordni. Dan minkejja li t-trapass taż-żmien u l-bidla tal-ġudizzju minn quddiem il-Qorti Kriminali għal quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu, flimkien mal-fatt li r-rikorrenti dejjem osserva l-istess kondizzjoni, bla dubju jikkostitwixxu bidliet sinjifikanti fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti.

**77.** Iżda fl-aħħar mill-aħħar u fid-dawl ta' dak espost fil-kunsiderazzjonijiet legali supra, kien sta għal dik l-awtoritá li kellha f'idejha it-tmexxija mgħaġġla tas-smiegħ tal-proċeduri kriminali, jiġfieri għal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja, li tiżgura li dan id-dewmien ma jiġix permess. Dik il-Qorti kienet fi dmir li ma tippermettix l-Avukat Ġenerali li jabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Hija kellha teżiġi lill-Avukat Ġenerali sabiex jaqdi dimirijietu taħt l-artikolu 405 tal-Kap. 9 fi żmien raġonevoli (ara **Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali** ġia ċitata supra). Kien sta wkoll għal dik il-Qorti li ma tistrieħx bl-amment fuq l-oġġezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti għal varjazzjoni tal-kundizzjoni tar-rinkażar. Dik il-Qorti iżda ma ħadet l-ebda inizzjattiva f'dan is-sens. B'dan il-mod dik il-Qorti kienet sostanzjalment il-kontributriċi ta' dan id-dewmien irraġjonevoli.

**78.** Bl-istess mod ikkontribwew għad-dewmien fl-aġir tagħhom l-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Qorti Kriminali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet kważi sena mill-preżentata tar-rikors tal-appell mis-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrent tal-11 ta' Jannar 2012 sakemm appuntat u semgħet l-appell fil-31 ta' Jannar 2013. Il-Qorti Kriminali umbagħad ħadet ħames xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ġunju 2013 sakemm b'digriet tal-5 ta' Novembru 2013 qiegħdet il-kawża għas-smiegħ għal tlett xhur oħra,

preċiżament għas-17 ta' Frar 2014. Dan għalkemm fil-mori ġie preżentat mir-rikorrenti ir-rikors għar-referenza kostituzzjonali. Jista' jkun li dan id-dewmien kien kaġun tal-volum kbir tax-xogħol li jiġi preżentat quddiem il-Qrati msemmija. Iżda f'dak il-każ "*tissubentra b'mod aktar dirett ir-responsabbilta` ta' l-Istat, li ghandu l-obbligu li jipprovdi l-istrutturi legali u r-risorsi l-ohra kollha, inkluzi risorsi umani, biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm dewmien*" (**Francis Said vs. L-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Frar 2010**).

**79.** Din il-Qorti tqis li l-Pulizija wkoll ikkontribwiet għad-dewmien tal-proċeduri kriminali in mertu meta ħadet sentejn u ħames xhur sabiex tipproduċi ċ-ċertifikat mediku ta' SM 45 skont kif mitlub mill-Avukat Ġenerali. Dan meta l-istess ċertifikat kien diġa mgħoti lilha u għalhekk kien fil-pussess tagħha. Il-Qorti tagħraf li matul daż-żmien kollu r-rikorrent Mazzitelli lanqas ma kkopera b'mod attiv biex iħaffef il-proċeduri. Ħlief meta ġie biex jixhed fis-16 ta' Frar 2015 (ara xhieda a' fol 2409), huwa qatt ma rreġistra ilment għad-dewmien tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

**80.** Iżda matul il-perkors tal-proċeduri kriminali kontrih, ir-rikorrenti la uża tattiċi ta' dewmien u lanqas kien assenti mill-jidher għas-seduti ħlief għal seba udjenzi fejn erba' minnhom ġie prodott ċertifikat mediku u ingħatat l-awtorizazzjoni mill-avukat tiegħu sabiex il-kawża titkompla fl-assenza tiegħu (ara verbali tat-30 ta' April 2009 a' fol 677, 25 ta' Awwissu 2009 a' fol 738, 26 ta' Frar 2010 a' fol 916, 29 ta' Ottubru 2010 a' fol 1181 u verbal 4 ta' Marzu 2011 a' fol 1230), darb' oħra talab differiment (ara verbal 30 t'Ottubru 2015 a' fol 1782) u darba waħda biss kien indispost (verbal 12 ta' Frar 2009 a' fol 652). Ir-

rikorrent għalhekk wera d-diliġenza meħtieġa fit-twettieq tal-kawża tiegħu. Għaldaqstant l-ebda responsabbilitá għal dan id-dewmien ma tista tiġi attribwibli lilu. Dan fid-dawl tal-prinċipji legali gia esposti , il-Qorti tfakkar li r-rikorrent m'għandu l-ebda obbligu li jassisti t-tħaffif tal-proċeduri kontra tiegħu (ara **Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Generali et**, ċitata supra) u li t-tmexxija tal-proceduri tibqa' f'idejn il-Qorti (ara **Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali** ċitata supra para 22). Tali kondotta iżda "*jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut*" (**Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

**81.** Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tikkonsidra t-tielet talba tar-rikorrenti għal kumpens xieraq bħala rimedju effettiv għal proċedimenti li ġew konklużi fi żmien mhux raġonevoli.

**82.** Il-QEDB stabbilit li kumpens jista' jkun effettiv meta ma jkunx jeżisti rimedju preventiv billi l-proċedimenti jkunu diġa eċċessivament twal (**QEDB, *McFarlane vs L-Irlanda* [QĠ], Nru 31333/06, 10 ta' Settembru 2010, paragrafu 108**).

**83.** Il-QEDB iżda ħalliet f'idejn il-Qrati nazzjonali biex jiddeterminaw il-kumpens xieraq bħala rimedju effettiv għal-ksur ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, dment li l-proċedura applikata hija konformi mal-prinċipji ta' ekwitá garantiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"*With regard to the concern to have a remedy affording compensation that complies with the reasonable-time requirement, it may well be that the*

*procedural rules are not exactly the same as for ordinary applications for damages. It is for each State to determine, on the basis of the rules applicable in its judicial system, which procedure will best meet the compulsory criterion of "effectiveness", provided that the procedure conforms to the principles of fairness guaranteed by Article 6 of the Convention*." (**QEDB, Scordino vs L-Italja (Nru 1) [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, § 200, sottolinear ta' din il-Qorti**).

**84.** Għal dak li jirrigwarda kumpens morali, il-QEDB fl-istess sentenza kompliet tistqarr f'para 204 u 205 is-segwenti:

"*Regarding non-pecuniary damage, the Court – like the Italian Court of Cassation (see its judgment no. 8568/05, paragraph 70 above) – assumes that there is a strong but rebuttable presumption that excessively long proceedings will occasion non-pecuniary damage. **It also accepts that, in some cases, the length of proceedings may result in only minimal non-pecuniary damage or no non-pecuniary damage at all** (see* Nardone*, cited above). **The domestic courts will then have to justify their decision by giving sufficient reasons.***

*Moreover, in the Court's view, the level of compensation depends on the characteristics and effectiveness of the domestic remedy.*" (emfażi u sottolinear tal-Qorti)

**85.** Il-**Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Raymond Urry et v. Avukat Ġenerali, datata 27 ta' Frar 2015** stabbilit kriterji li l-Qrati tagħna kostantament

japplikaw biex jiddeterminaw il-quantum mistħoqq bħala kumpens morali għal-leżjoni ta' smiegħ xieraq: Hija rriteniet li "*Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens li jkun gust u ekwu skont ic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghandha tqis, fost affarijiet ohra, s-segwenti cirkostanzi:*

*[a] id-dewmien inordinatament twil u eccessiv;*

*[b] in-natura kriminali tal-proceduri relevanti;*

*[c] il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li ddewmien necessarjament iggenera persuna akkuzata;*

*[d] in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom;*

*[e] il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri.*"

**86.** Dawn il-kriterji ġew kollha appena determinati b'mod estensiv minn din il-Qorti hi u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kriminali fid-dawl tal-erbgħa prinċipji ġenerali stabbiliti mill-Qorti Ewropea. Dawn l-erbgħa prinċipji ġenerali, li huma l-kumplessitá tal-każ; il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta, jiġifieri r-rikorrenti; il-kondotta tal-awtoritajiet relevanti u x'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta; jinkorporaw fihom dawn il-ħames kriterji kollha stabbiliti fis-sentenza appena ċitata għad-determinazzjoni tal-quantum mistħoqq bħala kumpens morali għal leżjoni tas-smiegħ xieraq.

**87.** Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex, fid-dawl ta' dak hawn ikkunsidrat, ser tillikwida l-kumpens morali dovut lir-rikorrent fis-somma ta' għaxar elef ewro (€10,000).

**88.** Illi fl-aħħar nett irid jingħad li permezz ta' digriet tal-25 ta' Ġunju 2020, ġie kjamat fil-proċeduri l-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu. Issa artikolu 2(1) tal-Kap 608 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk: "*L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-Konsulent Legali Prinċipali tal-Gvern u għandu jkollu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra*". Meta l-Att in kwistjoni daħal fis-seħħ, dawn il-proċeduri kienu diġa' pendenti . Artikolu (2) tal-Avviz Legali 329 tal-2-19 jiddisponi hekk:

"*Atti u azzjonijiet ġudizzjarji li jkunu pendenti fid-data tal-bidu fis-seħħ provdut b'dan l-avviż u li jkunu nbdew minn jew kontral-Avukat Ġenerali dwar it-twettiq tal-funzjonijiet tal-uffiċċju tiegħu ħlief fil-funzjoni rappreżentattiva tiegħu tal-Gvern skont l-artikolu181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jitkomplew minn jew kontra l-Avukat Ġenerali li għal dan il-għan jista' jipprevalixxi ruħu mis-servizzi tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat.*"

**89.** Kif ingħad aktar 'l fuq l-Avukat tal-Istat ġie imsejjaħ f'dawn il-proċeduri għal kull interess li jista' jkollu. Artikolu 181A jistabilixxi fost oħrajn li *"L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunu x'jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".*

**90.** Għalhekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, dawn iż-żewġ intimati huma leġittimi kontradittur, peress li fl-inkarigu pubbliku rispettiv tagħhom, wieħed kien direttament parteċipi fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u l-ieħor

jirrapresenta lill-Istat. B'dana ma jfissirx li ser ikunu kundannati separatament, iżda li t-tnejn għandhom jirrispondu għall-ilmenti tar-rikorrent u kwindi solidalment responsabbli għall-ammont fuq likwidat.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:-

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-Kummissarju tal-Pulizija u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-proċedimenti kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma' twettqux fiż-żmien raġonevoli kif sanċiti fl-Artikolu 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir tal-Avukat Ġenerali u tal-Istat bil-mod kif ikkunsidrat f'din is-sentenza.

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li r-rikorrent sofra leżjoni tal-jeddijiet tiegħu sanċiti f'Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir tal-Avukat Ġenerali u tal-Istat bil-mod kif ikkunsidrat f'din is-sentenza.

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tillikwida kumpens xieraq għad-danni mġarrba mir-rikorrenti fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000). Għandu jitħallas ukoll imgħax bil-5% fuq is-somma hekk likwidata b'effett mill-1 ta' Jannar 2010. Din hija d-data li fiha kellhom raġjonevolment ikunu terminati definittivament, il-

proċeduri kontra r-rikorrent u dan fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali fuq imsemmija.

**Tilqa' r-raba talba Attriċi** u tordna lill-intimat Avukat Ġenerali u lill-Avukat tal-Istat solidalment bejniethom iħallsu l-kumpens hekk likwidat.

**Tilqa' l-ħames talba Attriċi** u tordna li flimkien mas-somma msemmija għandu jitħallas imgħax bir-rata ta' 5 % b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

**L-ispejjeż** għandhom jiġu sopportati mill-intimat Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat solidalment bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**